

Brussell, 8 ta' Diċembru 2025
(OR. en)

16432/25

COH 244

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	3 ta' Diċembru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 739 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI Aġenda tal-UE għall-Bliet: L-Ixprunar tat-Tkabbir u l-Prospertà

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 739 final.

Mehmuż: COM(2025) 739 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 3.12.2025
COM(2025) 739 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

Aġenda tal-UE għall-Bliet: L-Ixprunar tat-Tkabbir u l-Prosperità

{SWD(2025) 389 final}

1. INTRODUZZJONI

Il-bliet jinsabu fuq quddiem nett fl-indirizzar tal-isfidi li se jiddeterminaw il-futur tal-Ewropa. Dawn jixprunaw it-tkabbir, il-kompetittività u l-innovazzjoni, filwaqt li għandhom ukoll rwol kritiku fil-promozzjoni tas-sostenibbiltà u l-inklużività soċjali. Il-bliet javvanzaw id-dekarbonizzazzjoni u r-reżiljenza għall-klima, jikkontribwixxu għat-tħejjija għal kriżijiet u tfixkil futuri, u għat-trawwim tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali. Illum, madwar 75 %¹ - kważi 340 miljun ruħ - tal-popolazzjoni tal-UE jgħixu fi bliet u żoni urbani oħra². Il-bliet jiffaċċjaw bosta sfidi bħal nuqqas ta' provvista ta' akkomodazzjoni affordabbli, sostenibbli u ta' kwalità deċenti, spejjeż għoljin tal-enerġija, esklużjoni soċjali, restrizzjonijiet ta' aċċessibbiltà, żoni ta' faqar, u l-impatti tat-tibdil fil-klima. Barra minn hekk, xi bliet qed jiċkien, u qed jiffaċċjaw iż-żamma ta' forza tax-xogħol u impjiegi b'ħiliet speċjalizzati, filwaqt li jiżguraw il-forniment ta' servizzi pubbliċi u jiġġeneraw biżżejjed dħul fiskali u dħul ieħor.

Il-bliet tal-Ewropa, kemm jekk jinsabu f'żoni kostali, insulari, interni, muntanjużi jew reġjuni tal-fruntiera, jirriflettu diversità rikka, mhux biss f'termini ta' ġeografija iżda wkoll fi profili demografiċi u kapataġġiet soċjoekonomiċi. Din id-diversità ssawwar il-kapaċità tagħhom li jirrispondu għat-trasformazzjonijiet li għaddejjin. Il-mudell urban tal-kontinent jippermetti lill-bliet ta' daqsijiet differenti jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-iżvilupp territorjali u l-konnettività. Filwaqt li bliet akbar spiss iservu bħala ċentri ta' innovazzjoni, bliet medji u iżgħar u żoni urbani għandhom rwol kruċjali fl-għoti ta' servizzi li jappoġġaw kemm lill-popolazzjonijiet lokali kif ukoll liż-żoni tal-madwar, inklużi ż-żoni rurali, u fit-titjib tal-aċċess għall-opportunitajiet. Is-servizzi urbani fl-edukazzjoni, il-kura, is-saħħa, il-mobbiltà, in-negozju u l-bejgħ bl-imnut jiġġeneraw effetti konsegwenzjali pożittivi, li jrawmu l-iżvilupp rurali u interurban.

Il-bliet huma kruċjali għall-konverġenza ekonomika u l-kompetittività, billi jattiraw it-talent, l-investment, u jixprunaw it-tkabbir³. Madankollu, din id-dinamika tista' tipproduċi wkoll sfidi bħaż-żieda fl-ispejjeż, il-konġestjoni u d-disparitajiet territorjali, inklużi żoni ta' faqar. Approċċ ibbilanċjat u poliċentriku jibqa' ċentrali, bl-għan li jittaffew dawn l-effetti. Madankollu, il-bliet jibdeu minn pożizzjonijiet differenti, b'setgħat u riżorsi legali li jvarjaw - b'mod partikolari bliet iżgħar - u spiss jiffaċċjaw kapaċità amministrattiva limitata u baġits ristretti.

L-Aġenda tal-UE għall-Ibliet tippreżenta l-viżjoni, il-politika u sett ta' azzjonijiet tal-UE għall-bliet ta' kull daqs u tistabbilixxi perspettiva li tħares 'il quddiem għal żvilupp urban sostenibbli u integrat. Din għandha l-għan li tipprovdi qafas biex tissaħħaħ id-dimensjoni territorjali u urbana tal-politiki tal-UE. L-Aġenda għandha wkoll l-għan li tipprovdi appoġġ koordinat u simplifikat - permezz tal-ingranaġġ tal-istrumenti taħt il-qafas finanzjarju pluriennali attwali, kif ukoll dak li jmiss għall-2028-2034 - biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tal-bliet u biex jiġu implimentati l-prijoritajiet ewlenin tal-UE fil-livell lokali. Hija wkoll rikonoxximent tar-rwol

¹ Eurostat Statistics Explained u GISCO, ibbażati fuq il-grilja tal-popolazzjoni taċ-ċensiment 2021 u l-unitajiet amministrattivi lokali 2021.

² It-terminu "bliet" jirreferi għal "bliet u żoni urbani oħra tal-UE" f'dan id-dokument, jekk ma jkunx iddikjarat mod ieħor. Għad-definizzjoni ta' bliet, l-Eurostat juża l-kategoriji li ġejjin bl-ewwel tnejn jirreferu għal żoni urbani: (i) bliet (żoni b'densità għolja ta' popolazzjoni, b'38,9 % tal-popolazzjoni tal-UE); (ii) bliet żgħira u subborgi (żoni b'densità intermedja, b'35,9 % tal-popolazzjoni tal-UE); u (iii) żoni rurali (żoni b'popolazzjoni baxxa, b'25,2 % tal-popolazzjoni tal-UE). Eurostat, JRC u d-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea għall-Politika Reġjonali (2021) - Eurostat Statistics Explained.

³ Moretti, E (2014). Are Cities the New Growth Escalator? World Bank Policy Research Working Paper No. 6881, <https://ssrn.com/abstract=2439702>

tal-bliet bħala msieħba ewlenin fl-indirizzar tal-isfidi l-aktar sinifikanti tal-UE u fil-kontribut għas-soluzzjonijiet tagħha.

Barra minn hekk, Aġenda tal-UE għall-Ibliet effettiva jeħtieġ li tippromovi politiki li jippermettu lill-bliet mhux biss jiġġeneraw valur iżda wkoll li jxerrdu dan il-valur b'mod ekwu u effiċjenti madwar l-UE sabiex il-pajjiżi u t-territorji kollha jibbenefikaw mit-tkabbir u l-benesseri. Għal dan l-għan, l-Aġenda tkopri l-bliet u żoni urbani oħra, u tenfasizza l-importanza tal-konnessjonijiet bejn dawn iż-żoni u r-reġjuni tal-madwar (żoni urbani funzjonali u żoni rurali funzjonali).

L-Aġenda tal-UE għall-Ibliet tibni fuq oqfsa strateġiċi ewlenin bħall-Aġenda Territorjali 2030 u l-Karta l-Ġdida ta' Leipzig u hija kkomplementata mill-kooperazzjoni intergovernattiva dwar kwistjonijiet urbani u l-għodda ewlenija tagħha - l-Aġenda Urbana għall-UE.

Biex tiżviluppa l-Aġenda tal-UE għall-Ibliet, il-Kummissjoni Ewropea wettqet konsultazzjoni estensiva biex tiġbor kontribut minn firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati. Il-konsultazzjoni kienet tinkludi: (i) sejħa għal evidenza, li għalqet fis-26 ta' Mejju 2025, li rċeviet 193 kontribut mill-awtoritajiet lokali u rappreżentanti oħra tal-awtoritajiet pubbliċi, ċittadini, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u oħrajn, (ii) diskussjoni bejn il-partijiet ikkonċernati urbani matul is-sitt edizzjoni tal-Forum tal-Bliet li sar fi Kraków fis-17 sad-19 ta' Ġunju 2025 dwar l-isfidi u l-ħtiġijiet ewlenin tal-bliet, (iii) djalogu ta' implimentazzjoni mal-bliet fl-24 ta' Ġunju 2025, (iv) diversi laqgħat u diskussjonijiet bilaterali ma' organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw l-awtoritajiet lokali, reġjonali u nazzjonali kif ukoll networks pan-Ewropej, u (v) parteċipazzjoni f'diversi avvenimenti. Dan il-proċess ta' konsultazzjoni komprensiv żgura appoċċ wiesa' u inklużiv għat-tfassil tal-politika.

2. IL-BLIET U L-POLITIKI TAL-UE


L-Unjoni Ewropea qed tesperjenza urbanizzazzjoni dejjem akbar u hija kkaratterizzata minn firxa varjata ta' żoni urbani li jvarjaw minn bliet żgħar għal metropoli kbar⁴. Fit-2021, 39 % tal-popolazzjoni tal-UE kienet tgħix f'madwar 700 belt, 36 % kienet tgħix f'madwar 9,000 belt żgħira jew subborgi, u 25 % kienu jgħixu f'żoni rurali⁵. L-urbanizzazzjoni qed isseħħ l-aktar fi bliet akbar u fl-inħawi tagħhom. Fl-2021, konċentrazzjoni partikolarment għolja ta' nies – aktar minn nofshom – kienu qed jgħixu fi bliet fi Spanja, fin-Netherlands u fil-Greċja, filwaqt li 45,2 % tal-popolazzjoni fl-Irlanda kienet tgħix f'żoni rurali. Il-popolazzjoni fil-bliet, l-irħula u s-subborgi tal-UE qed tikber, filwaqt li l-popolazzjoni rurali qed tonqos.

Stħarriġ reċenti tal-Ewrobarometru⁶ wera li **l-aktar problema immedjata u urġenti għall-Ewropej li jgħixu fil-bliet** hija, bil-bosta, in-nuqqas ta' akkomodazzjoni affordabbli b'51 % iqisuha bħala problema immedjata u urġenti (Illustrazzjoni 1). Terz ta' dawk li wiegħbu (33 %) jirrapportaw li **l-qgħad jew in-nuqqas ta' opportunitajiet ta' xogħol** huma problema urġenti fil-belt tagħhom; ċifri simili jidhru wkoll għan-**nuqqas ta' servizzi pubbliċi ta' kwalità** (32 %) u l-faqar jew **il-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar** (32 %). Dawk li wiegħbu fil-bliet u fis-subborgi jikklassifikaw l-ewwel in-nuqqas ta' akkomodazzjoni affordabbli (37 %), segwit min-nuqqas ta' servizzi pubbliċi (30 %), u l-qgħad jew in-nuqqas ta' opportunitajiet ta' impjieġ (29%).

⁴ Id-data ppreżentata f'dan il-kapitolu hija fil-bieċa l-kbira meħuda minn Dijkstra, L. u Testori, G., Trends, Challenges and Opportunities in EU Cities: Supporting the EU Cities Aġenda, il-Kummissjoni Ewropea, Ispra, 2025.

⁵ Eurostat Statistics Explained u GISCO, abbażi tal-grilja taċ-ċensiment tal-popolazzjoni tal-2021 u l-unitajiet amministrattivi lokali 2021.

⁶ Public opinion on urban challenges and investment in cities - Ġunju 2025 - stħarriġ tal-Ewrobarometru.



Illustrazzjoni 1. L-aktar problema immedjata u urġenti għall-Ewropej li jgħixu fil-bliet, fl-irħula u fis-subborgi (Ewrobarometru 2025).

F'termini ta' **aspetti li jeħtieġu l-aktar titjib, il-kwalità tas-servizzi pubbliċi** (magħżula b'42 %) u s-sigurtà u **s-sikurezza fl-ispazji pubbliċi** (36 %) (Illustrazzjoni 2) jiġu l-ewwel għar-rispondenti li jgħixu fil-bliet. Dawn huma segwiti **mid-disponibbiltà ta' għażliet ta' trasport pubbliku affordabbli u konnessi tajjeb u żvilupp ekonomiku u opportunitajiet ta' negozju**, kull wieħed ikkwotat minn 29 % tar-rispondenti. Dawk li wieġbu fil-bliet u fis-subborgi jikklassifikaw l-ewwel il-kwalità tas-servizzi pubbliċi (43 %), segwiti mill-iżvilupp ekonomiku u l-opportunitajiet ta' negozju (37 %), u d-disponibbiltà ta' għażliet ta' trasport pubbliku affordabbli u konnessi tajjeb (34%).



Illustrazzjoni 2. L-aspetti li jeħtieġu l-aktar titjib għall-Ewropej li jgħixu fil-bliet, fl-irħula u fis-subborgi (Ewrobarometru 2025).

L-UE tqis il-bliet u żoni urbani oħra fl-UE bħala sħab ewlenin fl-implimentazzjoni tal-politiki biex jitwettqu l-prijoritajiet tal-Unjoni għall-2024-2029⁷. Għal dan l-għan, il-qafas ta' politika integrat tal-UE jinkludi azzjonijiet dwar: (i) il-kompetittività, id-diġitalizzazzjoni, l-innovazzjoni u l-investment; (ii) l-inklużjoni soċjali u l-ugwaljanza; (iii) is-sigurtà, is-sikurezza u t-tħejjija; (iv) l-akkomodazzjoni u bini affordabbli, sostenibbli, ta' kwalità deċenti u inklużivi; (v) l-azzjoni klimatika, l-ambjent u l-enerġija nadifa; (vi) il-mobbiltà; u (vii) il-kooperazzjoni internazzjonali. Dawn il-politiki spiss ikunu interkonnessi mill-qrib, u dan jirrifletti l-impenn tal-UE li trawwem żvilupp urban sostenibbli u inklużiv.

2.1. Il-bliet huma forza qawwija li tiġbed it-talent, xpruni tal-kompetittività, id-diġitalizzazzjoni, l-innovazzjoni u l-investment

Il-bliet huma xpruni ewlenin tal-kompetittività tal-UE, li jrawmu l-innovazzjoni, l-impjiegi u l-iżvilupp sostenibbli. Dawn huma postijiet dinamiċi u kompetittivi fejn l-innovazzjoni u l-avvanzi teknoloġiċi huma xprunati mill-prossimità tal-partijiet ikkonċernati, inklużi l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, u l-interazzjoni multidixxiplinari tagħhom kif ukoll l-aċċess għal infrastrutturi ewlenin tar-riċerka u t-teknoloġija. Ir-reġjuni metropolitani tal-UE⁸, speċjalment iż-żoni kapitali, kienu kruċjali għall-kompetittività u l-impjiegi fl-2022, u raw il-bieċa l-kbira tal-istabbilimenti ta' intrapriżi ġodda. Dawn ir-reġjuni kellhom perċentwal oġġla ta' ditti b'rata għolja ta' tkabbir u aktar impjiegi (63 %) meta mqabbla mas-sehem tal-popolazzjoni tagħhom (59 %) u kienu jirrappreżentaw sehem saħansitra oġġla tal-PDG (68 %)

⁷ Il-prijoritajiet tal-Unjoni Ewropea għall-2024-2029.

⁸ Ir-reġjuni metropolitani jirreferu għar-reġjuni NUTS 3 jew taħlita ta' reġjuni NUTS 3 li jinkludu ż-żoni urbani funzjonali kollha b'popolazzjoni ta' mill-inqas 250 000 persuna. Żona urbana funzjonali tikkonsisti f'belt u ż-żona tal-ivvjaġġar tagħha, u għalhekk tinkludi belt b'densità għolja ta' abitantijiet u żona tal-ivvjaġġar b'popolazzjoni inqas densa li s-suq tax-xogħol tagħha huwa integrat ħafna mal-belt. Ara: [Territorial typologies manual - metropolitan regions - Statistics Explained - Eurostat](#) and [Functional urban area - Statistics Explained - Eurostat](#).

meta mqabbla ma' reġjuni mhux metropolitani⁹. Fl-2024, 45 % tar-residenti tal-bliet ta' bejn il-25 u l-64 sena kellhom lawrja universitarja, meta mqabbla ma' 31 % fil-bliet/fis-subborgi u 26 % fiż-żoni rurali¹⁰. Il-bliet kienu jospitaw 41 % tal-forza tax-xogħol tal-UE, bi bliet żgħar/subborgi ta' 34,5 % u żoni rurali ta' 24,5 %¹¹.

Biex tippromwovi l-kompetittività, l-azzjoni ta' politika tal-UE tiffoka fuq it-tisħiħ tal-innovazzjoni u l-adozzjoni u l-espansjoni ta' teknoloġiji strateġiċi, f'allinjament mal-Boxxla għall-Kompetittività¹² u l-Patt għal Industrija Nadifa¹³. Il-bliet jistgħu jsaħħu wkoll id-domanda għal teknoloġiji nodfa u ċirkolari prodotti fl-UE. Ir-reviżjoni li jmiss tal-qafas Ewropew tal-akkwist pubbliku se tiffoka fuq is-simplifikazzjoni u tiċċara l-użu tal-akkwist pubbliku bħala għodda ta' investiment strateġiku, u b'hekk tgħin biex jingħelbu l-isfidi tal-akkwist pubbliku għall-bliet bħala awtoritajiet kontraenti u ssaħħa is-setturi kritiċi u taċċessa soluzzjonijiet nodfa, u approċċi tal-ekonomija ċirkolari¹⁴.

L-UE tirrikonoxxi wkoll ir-rwol ċentrali li jaqdu l-bliet biex jixprunaw l-iżvilupp ekonomiku u jiffaċilitaw sħubijiet strateġiċi bejn il-bliet u l-industrija. L-investiment fl-edukazzjoni u l-iżvilupp tal-hiliet¹⁵, inklużi l-ħiliet diġitali u ekoloġiċi u l-edukazzjoni intraprenditorjali, għadu kritiku biex jiġu ssodisfati d-domandi tas-suq tax-xogħol u jiġu indirizzati l-inugwaljanzi li qed jitfaċċaw flimkien mal-bidliet teknoloġiċi u l-innovazzjoni. Barra minn hekk, il-kapitalizzazzjoni fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni biex jiġu appoġġati tranżizzjonijiet inklużivi, nodfa, reżiljenti u intelliġenti tgħin lill-amministrazzjonijiet tal-bliet jibnu l-għarfien u jiżviluppaw strateġiji bbażati fuq l-evidenza u fuq il-post biex iżidu r-reżiljenza ekonomika tagħhom.

Filwaqt li jiġġenera valur miżjud gross stmat ta' EUR 764 biljun fl-2023, it-turiżmu jammonta għal 7,1 % tal-valur miżjud gross totali fl-ekonomija tal-UE¹⁶, b'varjazzjoni kbira madwar l-Istati Membri tal-UE¹⁷. It-turiżmu fl-Ewropa żdied għal livelli rekord, u qabeż in-numri ta' qabel il-pandemija: dan żdied b'35 % fil-bliet u b'41 % fl-irħula u fis-subborgi, meta mqabbel ma' żieda modesta ta' 8 % fiż-żoni rurali, bejn l-2014 u l-2024¹⁸. Madankollu, il-flussi tat-turiżmu ġestiti ħażin qed ipoġġu pressjoni fuq ir-riżorsi u jwasslu għal affollament eċċessiv u rigressjoni soċjali, inkluż nuqqas ta' provvista ta' akkomodazzjoni. Is-settur għadu frammentat ħafna u huwa kkaratterizzat minn diversi mudelli ta' governanza madwar l-Istati Membri u r-reġjuni, li jeħtieġu l-involviment mill-qrib tal-bliet f'inizjattivi rilevanti biex jiġu żgurati eżiti tajbin fil-livell lokali. L-UE qed tappoġġa t-tranżizzjoni lejn mudelli u servizzi ta' ġestjoni tat-turiżmu aktar sostenibbli, reżiljenti u diġitali permezz tal-Perkors ta' Tranżizzjoni għat-Turiżmu u l-Aġenda Ewropea għat-Turiżmu 2030¹⁹.

Il-kultura, l-industrija kreattiva u l-isport itejbu l-attrazzjoni tal-bliet u s-saħħa tan-nies iżda joħolqu wkoll impjiegi u jagħtu spinta lill-kompetittività u l-benesseri. Il-bliet madwar l-UE

⁹ JRC ARDECO Explorer.

¹⁰ Eurostat Population in private households by educational attainment level and degree of urbanisation [edat_lfs_9913].

¹¹ Population by sex, age, citizenship, labour status and degree of urbanisation – Eurostat.

¹² COM (2025) 30 final.

¹³ COM (2025) 85 final.

¹⁴ Pereżempju, l-Inizjattiva għal Bliet u Reġjuni Ċirkolari.

¹⁵ L-Unjoni tal-Ħiliet għandha l-għan li tgħammar lill-istudenti kollha b'ħiliet li jagħtu spinta lir-reżiljenza tagħhom għall-bidliet fis-suq tax-xogħol u impjegabbiltà akbar u impjiegi ta' kwalità għolja.

¹⁶ Data aċċessibbli permezz tal-Kummissjoni Ewropea, DG GROW, Industrial Ecosystems Indicators Dashboard (2023) [PowerBI dashboard], aċċessata fl-4 ta' Awwissu 2025.

¹⁷ Consultation on EU Sustainable Tourism Strategy.

¹⁸ Nights spent at tourist accommodation establishments by degree of urbanisation and coastal/non-coastal area – Eurostat.

¹⁹ Il-Perkors ta' Tranżizzjoni għat-Turiżmu huwa qafas ta' politika li jistabbilixxi azzjonijiet, miri u kundizzjonijiet ewlenin għas-settur u approvat mill-adozzjoni mill-Kunsill tal-Aġenda Ewropea għat-Turiżmu 2030.

jinsabu fuq quddiem nett tal-iżvilupp immexxi mill-kultura u huma msieħba naturali għall-esperimentazzjoni, l-antiċipazzjoni tax-xejriet u l-esplorazzjoni ta' mudelli ta' innovazzjoni soċjali u ekonomika. Il-Boxxla Kulturali għall-Ewropa tistabbilixxi viżjoni strateġika fit-tul biex jissaħħa ir-rwol tal-kultura madwar l-UE fit-tiswir tal-identità tal-Ewropa.

Il-politika tal-UE dwar id-diġitalizzazzjoni tnaqqas id-distakk diġitali biex issaħħa l-produttività u l-kompetittività. Dan jappoġġja lill-bliet fl-identifikazzjoni ta' lakuni teknoloġiċi, fl-akkwist strateġiku tat-teknoloġiji xierqa, fl-identifikazzjoni tal-prijoritajiet tas-servizzi, fl-iżvilupp tal-ħiliet meħtieġa, fin-navigazzjoni tal-oqfsa regolatorji tal-UE, u biex l-awtoritajiet lokali jkun jistgħu jadottaw teknoloġiji avvanzati bħall-intelliġenza artifiċjali u l-Internet tal-Oġġetti, u jkollhom aċċess għal ekosistemi tad-data interoperabbli, fost sforzi oħra. L-investimenti fl-infrastruttura tal-konnettività b'veloċità għolja bħall-5G u l-fibra huma kruċjali fil-bliet kollha fl-UE - b'mod partikolari f'żoni li mhumiex moqdi jin tajjeb - biex tiġi ffaċilitata t-trasformazzjoni diġitali bla xkiel. Filwaqt li ċentri urbani kbar spiss jaġixxu bħala hotspots tal-innovazzjoni u adottanti bikrija tal-ġhodod diġitali, dawn għandhom ukoll rwol ewlieni x'jaqdu biex jixprunaw id-diffużjoni, jappoġġaw territorji inqas konnessi, u jrawmu l-koeżjoni. L-użu tad-data għall-monitoraġġ tal-politiki pubbliċi - permezz ta' ġhodod bħat-tewmin diġitali - isahha ir-reżiljenza urbana u l-kapaċitajiet tal-ippjanar, filwaqt li jgħin ukoll biex l-isforzi lokali jiġu allinjati mal-oġġettivi tal-programm ta' politika tad-Deċennju Diġitali.

L-Istrateġija tal-UE għall-applikazzjoni tal-IA tappoġġja lill-bliet fit-tnaqqis tal-piż amministrattiv kemm għall-awtoritajiet lokali kif ukoll għan-negozji iżda wkoll billi tgħin lin-negozji ġodda tal-IA jikbru. Iċ-Ċentri ta' Innovazzjoni Diġitali, bħala l-atturi ewlenin fi ħdan l-Ekosistema Ewropea tal-Innovazzjoni fl-IA, huma l-punt ta' kuntatt ċentrali biex jaċċelleraw u jagħtu pariri lill-bliet fit-trasformazzjoni diġitali tagħhom, inkluż l-adozzjoni tal-IA²⁰.

Il-bliet għandhom rwol ewlieni fl-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Digitali²¹ u fl-aċċellerazzjoni tal-progress lejn l-oġġettivi u l-miri tad-deċennju diġitali tal-UE²² u biex l-ekosistemi diġitali u l-professjonijiet diġitali jsiru aktar aċċessibbli. Barra minn hekk, l-inizjattivi tal-gvern elettroniku²³ huma kruċjali għall-immodernizzar tas-servizzi pubbliċi tal-bliet u għat-tisħiħ tal-involviment taċ-ċittadini permezz tal-iżvilupp ta' servizzi diġitali interoperabbli li huma effiċjenti u ċċentrati fuq iċ-ċittadini.

2.2. Il-bliet qed jiffaċċjaw sitwazzjoni mħallta dwar il-faqar, l-impjiegi, l-inklużjoni soċjali u l-ugwaljanza

Fil-livell tal-UE fl-2023, ir-rata tal-impjiegi u r-rata tar-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali kienu kważi identiċi għall-bliet, l-irħula u s-subborgi u ż-żoni rurali²⁴. Id-data dwar l-impjiegi, l-edukazzjoni u l-eżiti tal-kura tas-saħħa, hija aħjar għall-bliet meta mqabbla mal-irħula, is-subborgi u ż-żoni rurali. Parzjalment, dan huwa dovut għal konċentrazzjoni ogħla ta' opportunitajiet u aċċess għal servizzi ta' kwalità. L-inugwaljanza fl-introjt għadha prominenti fil-bliet, xprunata minn prospettivi ekonomiċi polarizzati u għoli tal-ħajja elevat²⁵. Filwaqt li r-rati tal-faqar fil-bliet tal-UE jvarjaw b'mod sinifikanti, xejra komuni hija li l-faqra urbani jiffaċċjaw sett uniku ta' sfidi li huma distinti mill-kontropartijiet rurali tagħhom.

²⁰ Perez, is-Sett ta' Għodod għat-Tewmin Diġitali Lokali tal-UE jipprovdi sett modulari u bbażat fuq l-istandards ta' ġhodod imfassla biex jgħinu lill-bliet u lill-komunitajiet madwar l-Ewropa jissimulaw, janalizzaw u jippjanaw l-ambjenti urbani b'mod aktar effettiv.

²¹ Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali Ewropej | Insawru l-futur diġitali tal-Ewropa.

²² Il-bliet huma essenzjali fl-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali.

²³ Perez, l-inizjattiva Living in EU.

²⁴ Population by sex, age, citizenship, labour status and degree of urbanisation – Eurostat.

²⁵ Sejbiet interim tal-proġett OECD-DG REGIO dwar "X'jaħdem għat-tkabbir inklużiv fil-bliet: Kompjendju" (2025).

Il-politika tal-UE dwar l-inklużjoni soċjali u l-ugwaljanza trawwem soċjetajiet inklużivi li jiżguraw il-ġustizzja u l-ugwaljanza għal kulħadd. It-teħid ta' approċċ intersezzjonali u ta' integrazzjoni tal-ugwaljanza jippermetti lill-bliet jifhemu aħjar in-natura multidimensjonali tal-inugwaljanzi u d-diskriminazzjonijiet. Dan huwa prerekwiżit għat-tfassil ta' approċċi ta' politika komprensivi u mfassla apposta li jindirizzaw il-ħtiġijiet interrelatati ta' gruppi żvantaġġati u komunitajiet emarġinati. Il-bliet iridu jiġu appoġġati fl-isforzi tagħhom biex jindirizzaw id-disparitajiet soċjali u l-inugwaljanzi strutturali u jiżguraw li s-servizzi essenzjali jkunu aċċessibbli għal kulħadd sabiex kulħadd ikun jista' jipparteċipa bis-siġħ fis-soċjetà, inklużi l-persuni b'diżabilità u l-persuni li jgħixu fiż-żoni tal-madwar u rurali. L-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali²⁶ u tal-istrategġija tal-Unjoni tal-Ugwaljanza²⁷ hija kruċjali, peress li dawn l-inizjattivi jiffukaw, fost l-oħrajn, fuq l-aċċess għall-akkomodazzjoni, it-trasport, l-edukazzjoni u l-impjiegi kif ukoll fuq l-oportunitajiet indaqs għal gruppi f'riskju ta' diskriminazzjoni u esklużjoni. Fl-2026, il-Kummissjoni Ewropea se tadotta l-Istrategġija Kontra l-Faqar, li se jkollha l-għan li ttipprovi protezzjoni essenzjali lin-nies u tindirizza l-kawżi ewlenin u ħafna dimensjonijiet differenti tal-faqar.

Il-kollaborazzjoni fost il-gruppi tas-soċjetà ċivili²⁸, u l-partijiet ikkonċernati reġjonali tissaħħaħ permezz ta' politiki rilevanti tal-UE. Din il-kollaborazzjoni tista' tgħin biex jiġu żviluppati pjanijiet ta' azzjoni lokali li jindirizzaw b'mod aktar effiċjenti l-ħtiġijiet ta' komunitajiet speċifiċi, jippromwovu soċjetà aktar inklużiva u ugwali madwar l-Ewropa u jrawmu l-koeżjoni. It-tiżiħ tas-sistemi ta' appoġġ komunitarju, il-kapaċità tal-awtoritajiet lokali, u d-disponibbiltà, l-affordabbiltà u l-kwalità tas-servizzi essenzjali u l-iżvilupp tal-ekosistemi lokali, huma vitali biex jiġi żgurat aċċess ugwali għan-nisa u gruppi oħra f'riskju ta' diskriminazzjoni u esklużjoni bħall-migranti u r-refuġjati għas-servizzi u s-suq tax-xogħol, kif ukoll il-parteeipazzjoni tagħhom fis-soċjetà.

Id-dimensjonijiet tal-inklużjoni soċjali u tal-ugwaljanza jenħtieġ li jiġu inkorporati fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-politiki settorjali fil-livell lokali, filwaqt li jiġi żgurat li l-bliet jipprovdu servizzi aċċessibbli u affordabbli għall-persuni kollha, inklużi dawk b'diżabilità, u jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-faqar.

2.3. Il-bliet qed jaqdu rwol ewleni fl-iżgurar tas-sigurtà u s-sikurezza tal-ispazji pubbliċi, u huma fuq quddiem nett għall-azzjoni ta' reżiljenza u tħejjija tal-UE

Il-bliet huma atturi ewlenin fl-iżgurar tas-sikurezza, is-sigurtà tal-ispazji pubbliċi, il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni, u l-protezzjoni tal-komunitajiet mit-terroriżmu. Skont sħarriġ dwar il-kwalità tal-ħajja fil-bliet fl-UE²⁹, il-perċezzjonijiet tas-sikurezza jvarjaw skont id-daqs tal-belt: 75 % tar-residenti fi bliet b'inqas minn 250,000 abitant ħassewhom sikuri, meta mqabbla ma' 67 % f'dawk b'popolazzjonijiet akbar.

Madwar l-UE, hemm differenzi notevoli fil-perċezzjoni tal-kriminalità skont il-grad ta' urbanizzazzjoni. Fl-2020, il-perċezzjoni fost il-popolazzjoni tal-UE li dawn il-kwistjonijiet

²⁶ Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali f'20 prinċipju – Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni.

²⁷ L-Istrategġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2020-2025, il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-ġlieda kontra r-Razziżmu 2020-2025, il-Qafas Strateġiku tal-UE għar-Rom għall-Ugwaljanza, għall-Inklużjoni u għall-Parteeipazzjoni 2020-2030, l-Istrategġija dwar l-Ugwaljanza LGBTIQ+ 2026-2030 u l-Istrategġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021-2030. Strateġija ġdida dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u strateġija ġdida kontra r-razziżmu se jiġu adottati għal wara l-2025.

²⁸ Perez., is-sħab ambjentali u tal-ekonomija soċjali, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh, u l-korpi responsabbli għall-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali, id-drittijiet fundamentali, id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u n-nondiskriminazzjoni, l-istituzzjonijiet u l-organizzazzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem.

²⁹ The Quality of Life in European Cities survey (2023).

kienu ta' rilevanza għaż-żona fejn għexu kienet konsiderevolment ogħla għan-nies li jgħixu fil-bliet (16,3 %) milli għan-nies li jgħixu fl-irħula u fis-subborgi (8,4 %) jew fiż-żoni rurali (5,8 %) ³⁰. Fi kważi l-Istati Membri kollha, l-ogħla perċezzjoni ta' kriminalità, vjolenza jew vandaliżmu ġiet irreġistrata fost in-nies li jgħixu fil-bliet.

L-azzjonijiet tal-UE dwar it-tħejjija ³¹ u s-sigurtà jiffukaw fuq il-kisba ta' soċjetà mħejjija tajjeb u reżiljenti, fejn in-nies kollha jgawdu l-istess livell ta' protezzjoni u sikurezza irrispettivament minn fejn jgħixu, il-ġeneru tagħhom u l-ħtiġijiet u ċ-ċirkostanzi speċifiċi tagħhom. Fil-bliet, id-disinn tal-infrastruttura pubblika jista' jikkontribwixxi biex jiġu żgurati s-sikurezza u s-sens ta' sigurtà taċ-ċittadini fl-ispazji pubbliċi billi jipprevedi, pereżempju, biżżejjed dwal tat-toroq u trasport pubbliku sikur sabiex iċ-ċittadini u b'mod partikolari l-persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli jkun jistgħu imorru minn post għal ieħor b'kunfidenza. Is-sikurezza u s-sigurtà tal-ispazji pubbliċi huma essenzjali wkoll għar-rwol tal-bliet fil-promozzjoni tal-koeżjoni soċjali, l-involviment tal-komunità, u l-parteċipazzjoni demokratika.

It-theddid għas-sigurtà kkawżat mill-bniedem, bħall-kriminalità organizzata u t-terroriżmu, jaffettwa lill-bliet. Kif enfasizzat fil-ProtectEU: strateġija Ewropea ta' Sigurtà Interna ³², l-impatt tal-kriminalità organizzata u t-terroriżmu spiss jinħassu lokalment. Għalkemm il-bliet jiffaċċjaw diversi sfidi lil hinn mill-kriminalità organizzata u t-terroriżmu, bħall-vjolenza relatata mad-droga u l-vjolenza abbażi tal-ġeneru, u t-traffikar tal-bnedmin - b'mod partikolari għall-isfruttament sesswali, huma għandhom ukoll rwol ċentrali fl-indirizzar tagħhom ³³. Għandhom jinstabu soluzzjonijiet lokali u reġjonali biex titnaqqas il-vulnerabbiltà tan-nies, speċjalment taż-żgħażaġh, għar-reklutaġġ kriminali jew terroristiku u biex jitnaqqas u jiġi evitat l-appell ta' attivitajiet illegali u infiltrazzjoni kriminali. L-istrateġija ProtectEU tistabbilixxi objettivi u azzjonijiet li għandhom jittieħdu dwar dan it-theddid, b'enfasi fuq it-tfixkil tal-attività kriminali permezz tal-approċċ amministrattiv, il-prevenzjoni tal-kriminalità, il-protezzjoni tal-infrastruttura kritika, il-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet operazzjonali tal-Istati Membri fil-ġlieda kontra l-kriminalità ³⁴. F'konformità mal-Istrateġija tal-UE dwar id-Drogi 2026-2030 ³⁵, biex jitnaqqsu r-riskji u l-ħsarat relatati mad-droga, il-bliet huma mħeġġa jikkunsidraw miżuri għall-aċċess għal servizzi tas-saħħa u soċjali bbażati fil-komunità għal daww fil-bżonn, kif appoġġat permezz tal-politika ta' koeżjoni.

L-ippjanar urban inklużiv għandu rwol kruċjali fil-promozzjoni tal-ugwaljanza u d-diversità, u fl-indirizzar tal-esklużjoni soċjali. Il-bliet jiddominaw bil-kbir fl-għoti ta' opportunitajiet għad-drittijiet personali, il-libertà, l-inklużività, u l-aċċess għall-edukazzjoni avvanzata ³⁶.

It-tħejjija tal-popolazzjoni għal sitwazzjonijiet ta' kriżi, u l-integrazzjoni tal-kunsiderazzjonijiet tas-sigurtà u t-tħejjija fil-politika u l-programmi tal-UE huma komponenti ewlenin tal-istrateġija għal Unjoni tal-Preparatezza. Il-bliet jeħtieġ li jinvestu f'miżuri ta' reżiljenza u tħejjija biex jipprevjenu u jimmitigaw l-impatt ta' xokkijiet reċenti u futuri fuq is-sistema

³⁰ Eurostat - Crime, violence or vandalism in the area by degree of urbanisation.

³¹ Preparedness - il-Kummissjoni Ewropea.

³² COM(2025)148 final.

³³ The Future of Cities, Vandecasteele, I., Baranzelli, C., Siragusa, A. u Aurambout, J. editur(i), EUR 29752 EN, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2019, ISBN 978-92-76-03847-4, doi:10.2760/375209, JRC116711.

³⁴ L-għodod żviluppanti mill-inizjattiva tal-Bliet tal-UE kontra r-Radikalizzazzjoni u ċ-Ċentru ta' Għarfien dwar il-Prevenzjoni tar-Radikalizzazzjoni jipprovdu appoġġ lill-atturi lokali.

³⁵ L-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar id-Drogi se tiġi adottata fl-2025 li tiddefinixxi l-prijoritajiet għall-2026–2030.

³⁶ Il-Kummissjoni Ewropea: Directorate-General for Regional and Urban Policy, de Dominicis, L., Kovacic, M., De Franceschi, et al. (2025), Social Progress in cities and rural areas of the EU, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea. <https://data.europa.eu/doi/10.2776/9234298>.

(pereż. diżastri naturali, pandemiji, riskji ġeopolitiċi). It-teknoloġiji tal-bliet intelliġenti jistgħu jkunu utli biex jiżdiedu r-reżiljenza u t-tħejjija tal-bliet. Ir-rispons għall-kriżijiet għandu jżid ir-reżiljenza u t-tħejjija tal-bliet, inkluż il-protezzjoni tal-infrastruttura kritika kontra t-tipi kollha ta' theddid għas-sigurtà u s-sikurezza pubblika, u jingrana l-użu strateġiku tal-assi spazjali. Il-bliet iridu jsibu wkoll modi innovattivi u kosteffettivi biex jiżguraw il-preparatezza ċivika, b'mod partikolari fir-rigward tal-użu ħażin ta' teknoloġiji ġodda. Il-bliet u ż-żoni rurali tal-madwar huma wkoll kruċjali għar-reżiljenza tal-komunitajiet bil-ħsieb li jipprovdu s-sigurtà tal-ikel u l-provvista tal-ikel.

2.4. Il-bliet qed jesperjenzaw sfidi akuti relatati mal-akkomodazzjoni u l-bini

In-nuqqas ta' akkomodazzjoni affordabbli huwa fost l-aktar kwistjonijiet urġenti fil-bliet u l-akkomodazzjoni urbana qed issir dejjem aktar mhux affordabbli għal ħafna nies³⁷, inklużi ż-żgħażaġh³⁸. Fl-2024, il-piż eċċessiv tal-kost tal-akkomodazzjoni kien l-ogħla fil-bliet b'10 %, meta mqabbel ma' 8 % fil-bliet/fis-subborgi, u 6 % f'ambjenti rurali. Kważi nofs il-popolazzjoni tal-UE li tgħix fil-bliet tkun teħtieġ mutwu ipotekarju ta' aktar minn 20 sena biex tixtri appartament ta' 25 m², u 90 % minnhom ikunu jeħtieġ mutwu ipotekarju ta' aktar minn 30 sena għal appartament ta' 75 m². Barra minn hekk, madwar 16 % tal-popolazzjoni tal-UE tgħix f'kundizzjonijiet iffullati żżejjed, fejn l-unitajiet domestiċi b'introjt baxx huma l-aktar affettwati³⁹. L-għadd ta' persuni mingħajr dar qed tiżdied, bi stimi li jindikaw miljun individwu mingħajr dar fl-UE⁴⁰.

L-akkomodazzjoni hija responsabbiltà kondiviża fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali. Madankollu, filwaqt li l-politiki nazzjonali jistabbilixxu oqfsa ġenerali, il-bliet jinsabu f'pożizzjoni unika biex jindirizzaw l-isfidi tal-akkomodazzjoni minħabba l-kompetenzi tagħhom u l-involviment dirett mal-komunitajiet. Dawn għandhom fehim dirett tal-ħtiġijiet lokali u jistgħu jrawmu sħubijiet bejn l-awtoritajiet pubbliċi, il-partijiet ikkonċernati u s-settur privat biex jimmobilizzaw l-investimenti meħtieġa. Il-programmi tal-politika ta' koeżjoni 2014-2020 wasslu investimenti li jammontaw għal EUR 9,6 biljun (inklużi l-baġit tal-UE u l-kontribuzzjoni nazzjonali) biex jissaħħaħ is-settur tal-akkomodazzjoni. Fil-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027, s'issa ġew allokati EUR 7,5 biljun mill-fondi tal-politika ta' koeżjoni għall-investimenti fis-settur tal-akkomodazzjoni, b'enfasi fuq l-effiċjenza enerġetika u l-akkomodazzjoni soċjali għal gruppi f'riskju ta' diskriminazzjoni u esklużjoni soċjali. Il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) jinvesti ammont totali stmat addizzjonali ta' EUR 1,9 biljun f'miżuri mmirati lejn is-sitwazzjoni tal-akkomodazzjoni għall-individwi u għas-servizzi pubbliċi⁴¹, bħall-iffaċilitar tal-aċċess għall-akkomodazzjoni, l-assistenza għall-akkomodazzjoni u l-appoġġ integrat biex jittejjbu l-kundizzjonijiet tal-akkomodazzjoni u tal-għajxien. Ir-rieżami ta' nofs it-terminu li għaddej tal-politika ta' koeżjoni tal-UE joffri opportunità importanti biex jiġu indirizzati l-isfidi fl-oqsma tal-akkomodazzjoni. Meta l-Istati Membri jkunu qed jipprogrammaw mill-ġdid il-fondi skont ir-rieżami ta' nofs it-terminu, huma mħeġġa jallokaw finanzjament għal investimenti f'akkomodazzjoni affordabbli, sostenibbli u ta' kwalità deċenti. Barra minn hekk, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) qed tagħmel ukoll impatt sinifikanti fil-qasam tal-akkomodazzjoni, b'benefiċċji tanġibbli għar-residenti tal-

³⁷ [Public opinion on urban challenges and investment in cities - sħarriġ tal-Ewrobarometru 2025](#).

³⁸ L-Indikaturi Explorer tal-JRC, ibbażat fuq data mill-Indiċi tal-Progress taż-Żgħażaġħ, jindika li mill-2011 iż-żgħażaġh fl-UE saru dejjem aktar mhux sodisfatti bid-disponibbiltà ta' akkomodazzjoni affordabbli, bis-sehem ta' żgħażaġh mhux sodisfatti jiżdied minn 38,7 % fl-2011 għal 50 % fl-2024.

³⁹ [Housing in Europe – 2024 edition - Interactive publications - Eurostat](#).

⁴⁰ [Affordable Housing Database, HC3.1 People experiencing homelessness - OECD](#).

⁴¹ Fil-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027, il-miżuri tal-FSE+ huma mmirati lejn individwi jew familji f'riskju jew li qed jesperjenzaw il-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar, persuni b'diżabilità, anzjani, ċittadini ta' pajjiżi terzi, refuġjati u komunitajiet emarġinati.

bliet u taż-żoni urbani. B'mod ġenerali, l-ammont totali allokat għall-akkomodazzjoni taħt l-RRF, inklużi investimenti biex jiġu appoġġati l-affordabbiltà u d-disponibbiltà tal-akkomodazzjoni, huwa ta' EUR 19,6 biljun, filwaqt li l-Bank Ewropew tal-Investment ipprova appoġġ finanzjarju ta' EUR 15,6 biljun għal akkomodazzjoni affordabbli fl-2021-2024.

Bħala parti mill-oġettivi ta' politika tal-UE għall-promozzjoni ta' akkomodazzjoni ta' kwalità affordabbli, sostenibbli u deċenti, il-Pjan Ewropew għal Akkomodazzjoni Affordabbli li jmiss se jindirizza l-ixprunaturi tal-kriżi tal-akkomodazzjoni permezz ta' azzjonijiet speċifiċi u koordinazzjoni ma' inizjattivi oħra tal-UE, jiġifieri l-Istrateġija Ewropea għall-Kostruzzjoni tal-Akkomodazzjoni, u r-reviżjoni tar-regoli tal-UE dwar l-ġhajjnuna mill-Istat dwar l-akkomodazzjoni soċjali u affordabbli u l-Istrateġija Ewropea Kontra l-Faqar. Il-pjattaforma ta' Investment Pan-Ewropea għal Akkomodazzjoni Affordabbli u Sostenibbli se tikkomplementa l-pjan biex tappoġġa l-finanzjament billi ttipprova qafas uniku biex tappoġġa l-investment f'akkomodazzjoni soċjali, affordabbli u sostenibbli. L-Istati Membri huma mħeġġa wkoll jaġġmli użu mill-finanzjament u mill-istrumenti finanzjarji żviluppati mal-Bank Ewropew tal-Investment, u l-Pjattaforma ta' Investment Pan-Ewropea futura biex jattiraw finanzjament u self privat addizzjonali b'kundizzjonijiet favorevoli.

Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jaġġmli enfasi fuq il-kwalità tal-arkitettura u l-ambjent tal-ġhajjn, allinjati mal-prinċipji u l-valuri tal-**Bauhaus Ewropea l-Ġdida**. Din l-inizjattiva tappoġġa prattiki sostenibbli fl-ambjent mibni permezz ta' strateġiji urbani integrati, li jinkorporaw tekniki u materjali innovattivi, biex tingħata spinta lir-riġenerazzjoni u r-reżiljenza tal-viċinati filwaqt li jiġu rispettati l-wirt kulturali u l-valuri u t-tradizzjonijiet lokali tal-Ewropa. Minbarra l-bini residenzjali, il-bini jew iż-żoni pubbliċi u industrijali mwarrba jeħtieġ li jiġu modernizzati, isiru aktar effiċjenti (fl-enerġija) u jsiru aktar inklużivi għall-popolazzjoni.

2.5. Il-bliet qed jinfluwenzaw u qed jiġu affettwati mit-tibdil fil-klima u minn sfidi ambjentali oħra u qed jaqdu rwol ewlieni fl-aċċellerazzjoni tat-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa

Il-bliet u żoni urbani oħra jikkontribwixxu madwar 45 % tal-emissjonijiet globali tal-gassijiet serra (GHG) globalment⁴². Dawn huma affettwati b'mod sproporzjonat mill-impatti negattivi tal-perikli klimatiċi, li huma aggravati mill-interazzjoni ma' fatturi oħra bħall-kwalità ħażina tal-arja u tal-ilma, l-issiġillar inadegwat tal-ħamrija, u fatturi oħra. Is-sħana estrema hija periklu kbir ieħor li jaffettwa b'mod partikolari l-bliet u jikkawża effett ġżira ta' sħana, fejn iż-żoni urbani jsiru ferm aktar šan miż-żoni tal-madwar. Fl-UE, l-ġħargħar jhedded madwar 10,6 % taż-żoni urbani⁴³. Il-prossimità tal-bliet għall-unitajiet domestiċi, in-negozji u l-komunitajiet tagħmilhom šab ewlenin biex tinkiseb sistema tal-enerġija nadifa, sigura u affordabbli. Flimkien mar-reġjuni għandhom jimplementaw sa 70 % tal-miżuri ta' mitigazzjoni tal-emissjonijiet u jwasslu għal 50 % tal-investment pubbliku u 30 % tan-nefqa pubblika⁴⁴. Il-bliet isawru t-tranżizzjoni tal-enerġija permezz tad-deċiżjonijiet tagħhom dwar l-ippjanar spazjali, il-ħruġ tal-permessi, l-akkwist pubbliku sostenibbli u l-investment. Barra minn hekk, il-bliet Ewropej qed jiffaċċjaw riskju dejjem akbar ta' nirien fis-selvaġġ minħabba bidliet fil-

⁴² Crippa, M., Guizzardi, D., Ciarlantini, S., Pagani, F., Banja, M., Muntean, M., Pisoni, E.: EDGAR_GHG_by_settlement_2025, dataset, https://edgar.jrc.ec.europa.eu/edgar_smod, 2025.

⁴³ Rapport mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (14/2023) - L-adattament urban fl-Ewropa.

⁴⁴ L-istat tar-reġjuni u l-bliet - Rapport annwali tal-UE għall-2024, Kumitat tar-Reġjuni.

klima iżda wkoll interfaċċi urbani fis-selvaġ li qed jespandu⁴⁵, li jeħtieġu tħejjija msaħħa u miżuri kkoordinati ta' rispons.

L-UE għandha l-għan li tkompli tirrikonoxxi r-rwol fundamentali li għandhom l-atturi lokali u reġjonali fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' miżuri bbażati fuq il-post li jikkontribwixxu biex jiżdiedu t-tħejjija u r-reżiljenza tal-UE fir-rigward tal-azzjoni klimatika, l-ambjent u l-enerġija nadifa u affordabbli. Meta tiżviluppa l-politiki tagħha, l-UE tirrikonoxxi s-sistemi tal-enerġija deċentralizzati bħala assi strateġiċi, u għalhekk se tipprevedi appoġġ għall-enerġija rinnovabbli distribwita, l-enerġija, l-effiċjenza u l-assi tal-ħżin, il-kumpaniji tal-enerġija lokali, il-grilji intelliġenti u l-komunitajiet tal-enerġija mmexxija miċ-ċittadini. Se jiġu promossi inċentivi għall-bini ta' networks ta' tisħin distrettwali.

Ir-rieżami ta' nofs it-terminu li għaddej tal-politika ta' koeżjoni jippreżenta opportunità lill-Istati Membri biex jipprioritizzaw mill-ġdid il-finanzjament biex jindirizzaw l-isfidi relatati mar-reżiljenza tal-ilma, b'mod partikolari permezz ta' sistemi diġitalizzati u soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura, u t-tranżizzjoni tal-enerġija bħall-grilji tad-distribuzzjoni, l-interkonnnetturi u l-infrastruttura tat-trażmissjoni.

Meta jfasslu l-Pjanijiet Soċjali għall-Klima tagħhom, kif ukoll il-pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali futuri, l-Istati Membri huma mħeġġa jallokaw finanzjament kontinwu għal investimenti relatati mal-klima u l-enerġija, filwaqt li jiżguraw li dawn jitfasslu b'mod li jkunu reżiljenti għar-riskji klimatiċi futuri, biex jappoġġaw soluzzjonijiet lokali, bħas-sistemi kollettivi tat-tisħin u t-tkessiħ, kif ukoll investimenti fl-effiċjenza enerġetika u d-dekarbonizzazzjoni.

Fir-rigward tal-ambjent, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet lokali jimplimentaw il-miżuri kollha meħtieġa ta' ekonomija ċirkolari, ġestjoni tal-iskart, u użu mill-ġdid/riċiklaġġ, kif stabbilit fil-leġislazzjoni tal-UE dwar l-iskart u l-ekonomija ċirkolari, kif ukoll miżuri dwar il-kwalità tal-arja f'konformità mad-Direttiva riveduta dwar il-Kwalità tal-Arja fl-Ambjent, dwar l-istorbju, dwar il-protezzjoni u t-titjib tan-natura urbana u l-kopertura tas-siġar li jirriżultaw mir-Regolament dwar ir-Restawr tan-Natura, u dwar it-titjib tar-reżiljenza tal-ilma fil-bliet f'konformità mal-istrateġija għar-reżiljenza tal-ilma.

2.6. Il-bliet qed jipprovdu aċċess aħjar għas-servizzi tat-trasport

Il-bliet għandhom it-tendenza li jipprovdu aċċess aħjar għat-trasport pubbliku minn żoni oħra, jiffaċilitaw il-merkanzija, in-nies, il-flussi tal-għarfien, u jagħtu spinta lill-produttività. Il-konċentrazzjoni densa tan-nies u tal-attivitajiet tagħmilha aktar effiċjenti li jiġi pprovdut trasport pubbliku fil-bliet, iżda din l-istess konċentrazzjoni tista' twassal għal livelli għoljin ta' konġestjoni. Minkejja t-titjib fil-kwalità tal-arja, il-livelli tat-tniġġis għadhom jaqbżu l-limiti tal-UE f'diversi bliet⁴⁶.

Il-politika tal-UE dwar il-mobbiltà tagħti prijorità lit-tranżizzjoni lejn sistemi ta' mobbiltà urbana sostenibbli, sikuri, aċċessibbli, inklużivi, affordabbli, reżiljenti u intelligenti⁴⁷. L-enfasi hija fuq l-iżvilupp, il-modernizzazzjoni, id-dekarbonizzazzjoni u l-elettrifikazzjoni tat-trasport

⁴⁵ L-interfaċċi bejn il-foresti u l-bliet huma żoni fejn l-iżvilupp tal-bniedem jiltaqa' jew jitħallat ma' veġetazzjoni ta' art selvaġġa, u għalhekk, dawn iż-żoni spiss jiffaċċjaw riskju akbar ta' nirien fil-selvaġġ.

⁴⁶ L-emissjonijiet tat-tniġġis tal-arja naqsu f'dawn l-aħħar żewġ deċennji, u dan irriżulta fi kwalità tal-arja aħjar. Bejn l-2005 u l-2022, l-għadd ta' mwiet fl-UE attribwibbli għal materja partikulata fina (PM2.5) naqas b'45 %, u b'hekk l-UE resqet eqreb lejn il-kisba tal-mira ta' tnaqqis ta' 55 % deskritta fil-pjan ta' azzjoni għal tniġġis żero għall-2030.

⁴⁷ COM(2021) 811 final.

urban u periurban (pubbliku)⁴⁸, il-mobbiltà attiva (iċ-ċikliżmu u l-mixi) u l-mezzi u s-servizzi ta' mobbiltà kondiviżi. Issir enfasi fuq l-ippjanar integrat, it-trawwim ta' konnettività multimodali bla xkiel, it-titjib tas-sikurezza fit-toroq, it-tiżiħ tal-loġistika urbana sostenibbli, u t-tnaqqis tal-konġestjoni, u ma' dak it-tniġġis urban u l-emissjonijiet biex jintlaħaq ukoll l-oġġettiv ta' bliet newtrali għall-klima u intelliġenti. Il-politika tal-UE tgħin ukoll biex jiġi indirizzat il-faqar tat-trasport, inkluż fiż-żoni rurali, biex il-loġistika urbana tiġi integrata aħjar fl-ippjanar tal-mobbiltà urbana sostenibbli, u biex tissaħħaħ ir-rabta bejn il-mobbiltà urbana u t-turiżmu. L-Istati Membri huma mħeġġa wkoll jużaw il-Pjanijiet Soċjali għall-Klima tagħhom għal azzjonijiet li jindirizzaw il-faqar tat-trasport, bħall-investimenti fit-trasport pubbliku, il-mobbiltà attiva u l-mobbiltà kondiviżi.

Fiċ-ċentru tal-azzjoni politika tal-UE hemm 431 nodu urban⁴⁹, li huma meqjusa bħala elementi ewlenin ta' network trans-Ewropew tat-trasport (TEN-T) li jiffunzjona tajjeb. Il-bliet ikkonċernati huma mitluba jiżviluppaw pjanijiet ta' mobbiltà urbana sostenibbli (sustainable urban mobility plans, SUMPs) għaż-żoni urbani funzjonali tagħhom, jiġbru d-data, jintroduċu infrastrutturi tal-irriċarġjar u tar-riforniment tal-fjuwil għal fjuwils alternattivi sostenibbli, u jiżviluppaw ċentri multimodali tal-passiġġieri u terminals tal-merkanzija. L-Istati Membri huma meħtieġa jfasslu programmi nazzjonali biex jappoġġaw iż-żoni urbani f'dan l-isforz. Min-naħa tagħha, il-Kummissjoni Ewropea qed tappoġġa lill-Istati Membri f'dan il-kompitu, u tipprovdi gwida, kondiviżjoni tal-għarfien u opportunitajiet ta' networking biex tiġi indirizzata l-isfida tal-mobbiltà.

Filwaqt li jibni fuq it-TEN-T, il-pjan ferrovjarju ta' veloċità għolja li tnieda dan l-aħħar jistabbilixxi l-ambizzjoni li jitnaqqas bin-nofs it-tul ta' ħafna vjaġġi ferrovjarji popolari bejn in-nodi kapitali u dawk urbani ewlenin madwar l-Ewropa meta mqabbel mal-lum. Il-pjan għandu l-għan li sal-2040 iwassal network ferrovjarju ta' veloċità għolja li jiffunzjona tajjeb u li jrawwem it-trasport intermodali permezz ta' konnessjonijiet urbani.

Barra minn hekk, fost il-kwistjonijiet ewlenin għall-azzjoni politika tal-UE hemm it-titjib tas-sinerġiji bejn il-mobbiltà urbana, il-politika tal-akkomodazzjoni u l-ippjanar spazjali, l-ingranaġġ tal-potenzjal tal-innovazzjoni tat-trasport u d-diġitalizzazzjoni, inkluża l-intelliġenza artifiċjali, u t-tkomplija tat-titjib tas-sikurezza fit-toroq urbani⁵⁰. Il-qafas ta' politika tal-UE dwar is-sikurezza fit-toroq 2021-2030, li jidentifika oqsma ta' prijorità ewlenin u jindirizza l-fatturi ta' riskju ewlenin, jagħti attenzjoni partikolari lill-utenti vulnerabbli tat-triq bħall-persuni bil-mixi, iċ-ċiklisti, u l-motoċiklisti, l-aktar affettwati fiż-żoni urbani.

Il-politika ta' koeżjoni qed tipprovdi appoġġ konsiderevoli għat-trasport, b'aktar minn EUR 59 biljun ippjanati għal investimenti fil-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027⁵¹. Barra minn hekk, ir-rieżami ta' nofs it-terminu li għaddej tal-politika ta' koeżjoni jagħmilha possibbli għall-Istati Membri li jirrilokaw ir-riżorsi lejn in-networks tal-irriċarġjar.

⁴⁸ Inkluż l-iżvilupp ta' konnessjonijiet tat-trasport aħjar u aktar affordabbli bejn il-bliet u l-inhawwi mhux urbani tagħhom.

⁴⁹ Ir-Regolament (UE) 2023/1804 jipprovdi d-definizzjoni li ġejja: Żona urbana fejn l-infrastruttura tat-trasport tan-network tat-trasport trans-Ewropew, bħal portijiet inklużi terminals tal-passiġġieri, ajruporti, stazzjonijiet ferrovjarji, pjattaformi loġistiċi u terminals tal-merkanzija li jinsabu f'żona urbana u madwarha, hija konnessa ma' partijiet oħra ta' dik l-infrastruttura u mal-infrastruttura għat-traffiku reġjonali u lokali.

⁵⁰ Bħala parti mill-istrateġija tagħha għall-Applikazzjoni tal-IA (intelliġenza artifiċjali), il-Kummissjoni se tniedi inizjattiva ta' Bliet b'Ambizzjoni tas-Sewqan Awtonomu biex taċċellera l-użu ta' servizzi operazzjonali li jaħdmu mal-fornituri Ewropej. COM(2025) 723 final.

⁵¹ https://cohesiondata.ec.europa.eu/cohesion_overview/21-27.

L-appoġġ totali tal-RRF allokat għat-trasport sostenibbli u l-mobbiltà urbana jammonta għal aktar minn EUR 26 biljun⁵². L-investimenti appoġġati jkopru diversi oqsma bħall-estensjonijiet tal-metro u tat-tramm, il-mogħdijiet għaċ-ċikliżmu, u l-infrastruttura. Dawn l-investimenti qed itejbu b'mod tanġibbli l-kompetittività u l-attrazzjoni tal-bliet, filwaqt li jiżguraw li jibqgħu muturi tat-tkabbir ekonomiku u l-innovazzjoni.

2.7. Il-bliet tal-UE u l-kuntest internazzjonali

Il-bliet għandhom rwol importanti fil-kooperazzjoni internazzjonali. Ix-xenarju tal-kummerċ globali għaddej minn bidla radikali. Hemm aċċellerazzjoni fil-frammentazzjoni ekonomika u ġeopolitika globali, b'mod partikolari bil-ħolqien ta' politiki kummerċjali protezzjonisti ġodda. Il-bliet għandhom ikunu jistgħu jadattaw għal dawn il-bidliet biex jibqgħu kompetittivi u għandhom jiddiversifikaw l-ekonomiji tagħhom, pereżempju billi jnaqqsu d-dipendenza tagħhom fuq industrija waħda jew sieħeb kummerċjali wieħed.

L-UE tirrikonoxxi l-valur tal-**kooperazzjoni internazzjonali** bejn il-bliet ukoll b'mod aktar wiesa', bħala mezz biex jiżdied il-fehim reċiproku. Hija tibqa' impenjata lejn politika urbana li tallinja mal-oqfsa globali, li tikkontribwixxi b'mod attiv għall-implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli fl-Aġenda 2030 tan-NU u l-Aġenda Urbana Ġdida tan-NU. Hija se tkompli tappoġġa l-implimentazzjoni tad-definizzjoni ta' belt approvata min-NU msejja "il-grad ta' urbanizzazzjoni". Billi tinvolvi ruħha fi pjattaformi bħall-Forum Urban Dinji, il-laqgħat tal-Ministri tal-Iżvilupp Urban tal-G7, l-UE jista' jkollha rwol ċentrali fit-tfassil tal-politika urbana internazzjonali. Il-kooperazzjoni internazzjonali tipprovdi benefiċċji sostanzjali għall-bliet tal-UE. Programmi bħal URBACT jippermettu kollaborazzjoni mal-bliet fil-pajjiżi kandidati tal-UE, inkluż l-Ukrajna, li jippermettu l-iskambju tal-għarfien u l-bini tal-kapaċità dwar il-governanza urbana, l-ippjanar u l-iżvilupp immexxi mill-komunità. Barra minn hekk, il-programm ta' Kooperazzjoni Urbana u Reġjonali Internazzjonali (IURC)⁵³ u l-Missjoni globali ta' Tranżizzjonijiet Urbani (UTM)⁵⁴ jgħaqqdu l-bliet tal-UE ma' kontropartijiet fl-Amerka Latina, l-Asja, l-Afrika u l-Amerka ta' Fuq, filwaqt li jrawmu l-kooperazzjoni dwar sfidi kondiviżi bħall-mobbiltà urbana, it-tranżizzjoni tal-enerġija, l-ekonomija ċirkolari u l-adattament għat-tibdil fil-klima. Kif enfasizzat fl-aġenda strateġika bejn l-UE u l-Indja⁵⁵, l-UE u l-Indja bħalissa qed jieħdu passi importanti biex japprofondixxu l-kooperazzjoni dwar l-urbanizzazzjoni sostenibbli permezz ta' sħubijiet eżistenti, b'enfasi fuq il-bliet. Il-bliet tal-UE jibbenefikaw minn inizjattivi internazzjonali bħan-Network Globali ta' Bliet Favur l-Età mmexxi mid-WHO li jgħin biex tittejjeb il-parteciġazzjoni ta' persuni akbar fl-età fil-ħajja komunitarja u jippromwovi tixjiħ b'saħħtu u attiv. L-isforzi biex tiġi promossa l-kooperazzjoni internazzjonali huma kkomplementati minn inizjattivi li ilhom jeżistu, li joffru dimensjoni bejn il-persuni għar-relazzjonijiet esterni tal-UE u jappoġġaw azzjonijiet konġunti bejn l-amministrazzjonijiet lokali, bħall-Patt Globali tas-Sindki fejn it-tmexxija tal-UE ssaħħaħ id-diplomazija globali tal-bliet u l-kooperazzjoni f'diversi livelli.

Meta titqies l-aċċellerazzjoni tal-urbanizzazzjoni globalment, it-trawwim ta' kooperazzjoni f'diversi livelli u transfruntiera, inkluż mal-pajjiżi kandidati, se jiżgura li l-bliet iservu kemm bħala ċentri lokali ta' trasformazzjoni kif ukoll bħala sħab globali fl-avvanz tal-iżvilupp

⁵² Abbażi tal-Anness VI tar-Regolament RRF 2021/241. L-infrastruttura tat-trasport urban, il-vetturi ferrovjarji tat-trasport pubbliku (pereż. trammijiet, metros u karożżi tal-linja) u l-infrastruttura tar-roti.

⁵³ L-IURC huwa programm iffinanzjat mill-UE implimentat b'mod konġunt mis-Servizz tal-Istrumenti tal-Politika Barranija u d-Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali u Urbana tal-Kummissjoni Ewropea li jappoġġa bliet u reġjuni minn pajjiżi tal-istess fehma bi sfidi simili.

⁵⁴ Il-Missjoni ta' Tranżizzjonijiet Urbani tal-Missjoni Innovazzjoni tappoġġa koorti ta' aktar minn 100 belt minn 45 pajjiż lejn futur b'emissjonijiet żero netti, reżiljenti u ċċentrat fuq in-nies.

⁵⁵ Il-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, dwar Aġenda Strateġika Ġdida bejn l-UE u l-Indja. JOIN(2025) 50 final.

sostenibbli u inklużiv. L-UE u l-Istati Membri tagħha jipprovdu appoġġ sostanzjali għall-iżvilupp u l-infrastruttura urbani, il-kooperazzjoni mal-awtoritajiet reġjonali u lokali fil-pajjiżi sħab għal miżuri ta' politika ta' żvilupp sostenibbli taħt il-Global Gateway u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli Plus (EFSD+) u jfittxu li jtejbju l-aċċess tagħhom għall-finanzjament internazzjonali. L-awtoritajiet lokali huma atturi importanti fl-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali, li huwa rifless ukoll fl-istrateġija Global Gateway. Dawn jindirizzaw l-isfidi ta' kuljum fil-livell lokali u l-involviment tagħhom huwa essenzjali biex wieħed jifhem id-dettalji tal-kuntest fejn tiġi implimentata l-Global Gateway. Barra minn hekk, fit-tul, il-bliet tal-UE jista' jkollhom rwol akbar fid-definizzjoni tal-prijoritajiet tas-sħubija f'oqsma li fihom il-bliet ġeneralment ikollhom responsabbiltajiet sinifikanti u jistgħu jippromovu l-kooperazzjoni fil-governanza f'diversi livelli. Meta jitqiesu l-ħtiġijiet ta' investiment fl-infrastruttura urbana u l-ġestjoni urbana innovattiva, il-bliet f'pajjiżi sħab jirrappreżentaw ukoll opportunitajiet kummerċjali għall-bliet Ewropej u atturi usa' tal-UE.

2.8. Implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE

L-awtoritajiet lokali u reġjonali jimplimentaw u jużaw madwar 70 % tal-leġiżlazzjoni tal-UE⁵⁶ li tagħmilhom atturi ewlenin biex jintlaħqu l-għanijiet ta' politika tal-UE⁵⁷. Biex jintlaħqu l-għanijiet u l-miri tal-UE, huwa essenzjali li l-bliet ikunu jistgħu jimplimentaw il-leġiżlazzjoni tal-UE b'mod effiċjenti u effettiv. Il-bliet huma kruċjali wkoll għas-sistemi demokratiċi minħabba l-qrubija tagħhom lejn in-nies u r-responsabbiltà diretta tagħhom għat-twassil ta' servizzi essenzjali. Il-politiki tal-UE diġà jitħejjew permezz ta' konsultazzjoni mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, bl-użu ta' diversi mekkaniżmi bħal konsultazzjonijiet pubbliċi, gruppi ta' esperti u valutazzjonijiet territorjali. Il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni u n-Network ta' Ċentri Reġjonali tiegħu⁵⁸ pprovdu ukoll kontributi siewja mill-membri lokali u reġjonali dwar il-konġestjonijiet fl-implimentazzjoni. Minkejja dawn l-isforzi, il-bliet għadhom jirrappurtaw diffikultajiet fl-implimentazzjoni tar-regoli tal-UE. Spiss jirrappurtaw li ma kinux infurmati biżżejjed dwar it-tħejjija tal-leġiżlazzjoni rilevanti, u jenfasizzaw il-ħtieġa għal involviment aktar inklużiv u effettiv f'livelli differenti ta' governanza biex jiġi żgurat li l-politiki jkunu kemm prattiċi kif ukoll risponsivi għall-ħtiġijiet lokali⁵⁹.

B'rikonossiment tal-kumplessità tal-governanza urbana u l-varjetà ta' kompetenzi u atturi involuti, l-Aġenda Urbana għall-UE tnediet fl-2016 bħala proċess ta' kooperazzjoni intergovernattiva biex il-bliet jiġu integrati aħjar fit-tfassil u l-implimentazzjoni kemm tal-politiki tal-UE kif ukoll daww nazzjonali. Għandha l-għan li ttejjeb ir-regolamentazzjoni, il-finanzjament u l-kondiviżjoni tal-għarfien għall-Bliet Ewropej. L-Aġenda Urbana tal-UE stabbiliet 20 sħubija tematika dwar suġġetti importanti għall-bliet, li jinvolvu madwar 350 sieħeb li jirrappreżentaw il-livelli kollha ta' governanza (inklużi aktar minn 100 belt, Stat Membru, NGO u korp tal-UE) u li jipponu aktar minn 150 azzjoni sal-lum. Dan il-metodu innovattiv ta' governanza f'diversi livelli ġie rikonossut bħala waħda mill-aktar kisbiet importanti tal-Aġenda Urbana għall-UE⁶⁰. Filwaqt li l-Aġenda Urbana tal-UE hija inizjattiva intergovernattiva li tlaqqa' flimkien atturi mil-livelli kollha ta' governanza (lokali, reġjonali, nazzjonali u tal-UE) għall-kooperazzjoni volontarja, l-Aġenda tal-UE għall-Ibliet se ssaħħaħ l-

⁵⁶ Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Ġunju 2021 dwar l-idoneità regolatorja tal-Unjoni Ewropea u s-sussidjarjetà u l-proporzjonalità rrapport dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet li jkopri s-snin 2017, 2018 u 2019 (2020/2262 (INI)).

⁵⁷ Pereżempju, fl-oqsma tal-ambjent mibni, l-enerġija, l-industrija, il-mobbiltà, il-konnettività diġitali, it-tibdil fil-klima, l-ambjent bi tniġġis żero, it-telf tal-biodiversità u l-ekonomija ċirkolari.

⁵⁸ Network ta' Ċentri Reġjonali tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni.

⁵⁹ Bliet – aġenda politika ġdida – Sejħa għal Evidenza 2025.

⁶⁰ Assessment Study of the Urban Agenda for the EU (2019).

approċċ tal-UE għall-iżvilupp urban sostenibbli b'enfasi fuq l-appoġġ għall-implimentazzjoni tal-prijoritajiet ta' politika tal-UE fil-livell lokali. L-Aġenda tal-UE għall-Ibriet se ssaħħa il-koordinazzjoni u s-sinerġiji mal-Aġenda Urbana tal-UE, tiffaċilita l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet tagħha u tibni fuq l-eżiti tagħha.

3. IL-BLIET U L-APPOĠĠ TAL-UE

3.1. L-appoġġ attwali tal-UE lill-briet

Filwaqt li l-politiki urbani jibqgħu prerogattiva tal-Istati Membri, l-UE, permezz ta' ħafna mill-għodod ta' politika tagħha, kienet qed ttiprovdi lill-briet u liż-żoni urbani b'firxa wiesgħa ta' appoġġ. Il-programmi tal-politika ta' koeżjoni jipprovdu l-aktar appoġġ sinifikanti għall-iżvilupp territorjali, għalkemm assistenza addizzjonali hija disponibbli wkoll permezz ta' diversi politiki settorjali.

Il-politika ta' koeżjoni għandha dimensjoni urbana b'saħħitha, u l-appoġġ tagħha għall-iżvilupp urban sostenibbli żdied fl-2021-2027 b'żieda fl-allokazzjoni obbligatorja ta' 8 % mill-FEŻR għall-briet sabiex il-briet jingħataw is-setgħa li jieħdu rwol attiv fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' risponsi ta' politika mfassla apposta għall-isfidi lokali tagħhom. B'riżultat ta' dan, il-briet huma **direttament responsabbli għat-tfassil u l-implimentazzjoni ta' strateġiji ta' żvilupp urban sostenibbli, u jirċievu aktar minn EUR 24 biljun** taħt il-programmi tal-politika ta' koeżjoni għal dak l-għan. Barra minn hekk, **il-fondi tal-politika ta' koeżjoni jinvestu aktar minn EUR 100 biljun⁶¹ fil-briet b'mod ġenerali**. Dan l-appoġġ jippermetti kemm lill-Istati Membri kif ukoll lill-awtoritajiet lokali jiżviluppaw soluzzjonijiet innovattivi li jindirizzaw l-isfidi ambjentali, soċjali u ekonomiċi.

Pereżempju, l-istrateġija ta' żvilupp urban sostenibbli tal-Finlandja hija mibnija fuq ftehimiet bejn l-Istat u 19-il belt b'ambizzjoni kondiviżi biex jissaħħu l-ekosistemi tal-innovazzjoni. Dawn il-kuntratti fit-tul jistabbilixxu prijoritajiet kondiviżi għall-allokazzjoni ta' finanzjament pubbliku u privat għal ekosistemi mmexxija mill-innovazzjoni u speċifiċi għall-belt. Dawn jippromwovu investimenti mmirati f'setturi bħat-teknoloġija nadifa, is-saħħa u d-diġitalizzazzjoni, li jorbtu l-kompetittività urbana mal-iżvilupp sostenibbli, u jservu bħala qafas strateġiku għat-ktabbir urban, filwaqt li jibbilanċjaw l-inizjattivi lokali mal-koordinazzjoni nazzjonali.

Fl-Italja, l-iżvilupp urban sostenibbli huwa segwit permezz ta' programmi reġjonali u l-“Programm Nazzjonali Metro Plus u l-Briet Medji tan-Nofsinhar 2021-2027”. Dan il-programm jibni fuq is-suċċess tal-predeċessor tiegħu (imwettaq fl-2014-2020) billi jiffoka fuq id-diġitalizzazzjoni, is-sostenibbiltà u l-inklużjoni soċjali. Skont il-mudell ta' governanza tagħha, ir-responsabbiltajiet huma ddelegati lil 14-il belt metropolitana li jservu bħala korpi intermedji, li magħhom ingħaqdu 39 belt tan-Nofsinhar ta' daqs medju bħala benefiċjarji ta' proġetti ta' innovazzjoni soċjali.

Fil-Portugall, l-implimentazzjoni ta' żvilupp urban sostenibbli tappoġġa strateġiji integrati għal żoni funzjonali, filwaqt li tistimula żvilupp urban ibbilanċjat permezz ta' kooperazzjoni intermuniċipali u rabtiet urbani-rurali. Dawn l-istrateġiji huma transsettorjali, u jikkombinaw forum differenti ta' investiment skont il-ħtiġijiet speċifiċi fil-livell reġjonali u lokali, bħall-appoġġ għall-innovazzjoni u l-kompetittività, id-diġitalizzazzjoni, l-effiċjenza enerġetika, il-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli, l-azzjoni klimatika, il-ġestjoni sostenibbli tal-iskart u tal-ilma, il-bijodiversità, il-mobbiltà, ir-riġenerazzjoni urbana, il-kultura u t-turiżmu.

⁶¹ L-ammont ta' aktar minn EUR 100 biljun jinkludi s-sehem ta' aktar minn EUR 24 biljun implimentati direttament mill-briet permezz ta' strateġiji ta' żvilupp urban sostenibbli.

L-Inizjattiva Urbana Ewropea (EUI) u URBACT

L-EUI u l-URBACT huma żewġ strumenti ewlenin taħt il-qafas tal-politika ta' koeżjoni tal-UE 2021-2027 li jipprovdu appoġġ dirett lill-bliet.

L-EUI għandu baġit ta' EUR 395 miljun (fi prezzijiet attwali) mill-FEŻR fil-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027. Dan għandu rwol ewlieni fl-appoġġ tal-bliet madwar l-Ewropa billi jipprovdi riżorsi finanzjarji għall-innovazzjoni, l-assistenza teknika u l-iskambju tal-għarfien biex jiġu indirizzati l-isfidi urbani. B'dan il-mod, l-EUI jgħin lill-bliet jittrađu b'mod effettiv il-prijoritajiet ta' politika tal-UE f'azzjonijiet tanġibbli u mmexxija lokalment.

Barra minn hekk, URBACT għandu baġit totali ta' EUR 110 miljun⁶² (fi prezzijiet attwali), inklużi EUR 79,7 miljun mill-FEŻR, għall-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027. Dan jappoġġa l-kapaċitajiet tal-bliet fl-ippjanar urban strateġiku u l-governanza parteċipattiva permezz ta' metodu speċifiku ta' "networks kollaborattivi" bbażati fuq sfidi urbani tematiċi. Iż-żewġ strumenti jikkontribwixxu b'mod konġunt għal xenarju ta' politika urbana aktar koerenti u kollaborattiva madwar l-Ewropa.

Ir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-politika ta' koeżjoni u l-bliet

Barra minn hekk, il-bliet jistgħu jibbenefikaw ukoll mir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-politika ta' koeżjoni tal-UE. Dan ir-rieżami jidentifika prijoritajiet ġodda u joffri flessibbiltajiet u inċentivi sinifikanti lill-Istati Membri, li jistgħu jkunu ta' benefiċċju wkoll għall-bliet u awtoritajiet urbani oħra.

Pereżempju, dan joffri l-possibbiltà li tiġi indirizzata d-diskrepanza fl-investiment f'**akkomodazzjoni affordabbli** permezz ta' żieda fil-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni u strumenti finanzjarji ddedikati li jikkombinaw l-għotjiet tal-UE mal-finanzjament. L-investiment huwa mħeġġeġ ukoll biex jappoġġa t-**tranżizzjoni tal-enerġija**, kif ukoll fir-**reżiljenza tal-ilma**. Il-bliet jistgħu jibbenefikaw ukoll minn miżuri biex jagħtu spinta lill-**kompetittività** tal-Ewropa, isaħħu d-**difiża** u jappoġġjaw ir-**reġjuni tal-fruntiera tal-Lvant**. L-Istati Membri jistgħu jużaw ukoll il-Fond Soċjali Ewropew+ biex jipprovdu appoġġ għall-iżvilupp ta' hili fit-tħejjija ċivili, fl-industrija tad-difiża u fiċ-ċibersigurtà.

Bħala parti mir-rieżami ta' nofs it-terminu, huwa possibbli li tingħata spinta lill-EUI billi l-Istati Membri jitħallew jittrasferixxu r-riżorsi tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) għall-inizjattiva. Barra minn hekk, ir-rieżami ta' nofs it-terminu ħoloq Siġill ta' Eċċellenza għall-IUE, li jippermetti li proġetti li jissodisfaw kriterji ta' kwalità għolja iżda li jaqgħu barra mill-finanzjament disponibbli jaċċessaw l-appoġġ permezz ta' programmi ġenerali tal-politika ta' koeżjoni.

Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u l-bliet

Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (Recovery and Resilience Facility, RRF) gābet bidla radikali fir-rispons tal-Ewropa għall-impatti tal-pandemija tal-COVID-19, u għenet biex tixpruna l-irkupru u ssaħħaħ ir-reżiljenza tal-Ewropa u tal-bliet tagħha. Diversi analizijiet⁶³ juru li l-RRF ipprovdiet appoġġ sinifikanti lill-bliet, liż-żoni metropolitani u urbani, li jissarraff f'benefiċċji tanġibbli għar-residenti u għan-negozji tagħhom, b'mod partikolari dwar it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali.

⁶² Il-programm URBACT jirċievi finanzjament mill-fondi tal-FEŻR, tal-NDICI u tal-IPA, li huma kkomplementati minn kontribuzzjonijiet nazzjonali.

⁶³ COM(2025) 637 final; COM(2024) 82 final.

Appoġġ mill-BEI

Il-Bank Ewropew tal-Investiment għandu wkoll rwol ċentrali fl-appoġġ tal-bliet madwar l-UE kemm b'servizzi finanzjarji kif ukoll ta' konsulenza. Mill-2021, ipprova aktar minn EUR 80 biljun f'finanzjament għdid lill-bliet għal investimenti strateġiċi bħal fit-trasport urban sostenibbli, akkomodazzjoni affordabbli, id-dekarbonizzazzjoni tat-tisħin distrettwali, l-effiċjenza enerġetika, u l-ekonomija ċirkolari. Is-servizzi ta' konsulenza tal-BEI jipprovdu servizzi ta' konsulenza teknika u finanzjarja mfassla apposta, appoġġati mill-Kummissjoni Ewropea. Biex il-bliet jiġu appoġġati bħala katalisti kruċjali tal-investimenti privati, qed tgħinhom jiżviluppaw u jużaw strumenti finanzjarji li jħalltu l-finanzjament tal-UE ma' finanzjament privat.

Eżempji oħra ta' inizjattivi tal-UE b'appoġġ għall-bliet

Matul dawn l-aħħar snin, il-Kummissjoni Ewropea nediet aktar minn 50 inizjattiva u strument biex tgħin lill-awtoritajiet lokali fl-isforzi ta' trasformazzjoni tagħhom u tiffaċilita l-implimentazzjoni tal-politiki tal-UE fil-livell lokali. Dawn jinkludu diversi pjattaformi online biex jissaħħu l-kapaċità, l-għarfien u l-aċċess tal-bliet għall-finanzjament, u diversi premijiet u skemi ta' rikonoxximent f'oqsma bħas-sostenibbiltà, l-innovazzjoni u l-aċċessibbiltà, biex tiġi ċelebrata u iċċentivata l-eċċellenza fl-iżvilupp urban. Il-biċċa l-kbira tal-inizjattivi jipprovdu appoġġ, servizzi ta' konsulenza u bini tal-kapaċità għall-bliet biex jipparteċipaw b'mod attiv fl-isforzi Ewropej biex jinkisbu tranżizzjonijiet sostenibbli.

Għadd ta' inizjattivi tal-UE li għaddejnin bħalissa jippromwovu u jappoġġaw l-iżvilupp ta' strateġiji settorjali (pereż. pjani, ftehimiet u kuntratti) u jappellaw lill-bliet biex jieħdu impenji politiċi biex jiggwidaw it-tranżizzjoni lejn is-sostenibbiltà. Eżempji ewlenin jinkludu (irreferi għal [Cities Portal - Regional and Urban policy - il-Kummissjoni Ewropea](#) tal-UE għal ħarsa ġenerali sħiħa):

Il-Patt tas-Sindki tal-UE għall-Klima u l-Enerġija huwa inizjattiva stabbilita sew appoġġata mill-politiki tal-UE dwar il-klima u l-enerġija li toffri lill-muniċipalitajiet kollha tal-UE pjattaforma biex jintlaħqu l-miri tal-UE dwar il-klima u l-enerġija. Dan jipprovdi qafas metodoloġiku bbażat fuq ix-xjenza għall-valutazzjoni tal-emissjonijiet u l-vulnerabbiltajiet u għall-iżvilupp ta' pjanijiet ta' azzjoni integrati dwar l-enerġija sostenibbli u l-klima biex dawn jiġu indirizzati. Dan il-qafas huwa implimentat permezz ta' approċċ f'diversi livelli. L-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali jiddependu fuq format validat biex jikkordinaw l-azzjoni klimatika fil-livell lokali u jiġbru d-data u l-informazzjoni meħtieġa biex jiżviluppaw il-politiki tagħhom stess u jallokaw il-finanzjament. Il-Patt tas-Sindki tal-UE jifforma l-qalba tal-Patt Globali tas-Sindki.

L-UE, permezz tal-programm Orizzont Ewropa, qed tavvanza żewġ Missjonijiet tal-UE biex tindirizza l-isfidi klimatiċi fil-bliet: **Bliet Newtrali għall-Klima u Intelliġenti u Adattament għat-Tibdil fil-Klima**. Tal-ewwel tinvolvi 100 belt fl-UE li jaħdmu lejn in-newtralità klimatika sal-2030 permezz ta' Kuntratti tal-Bliet Klimatiċi — pjanijiet komprensivi maħluqa b'mod konġunt maċ-ċittadini u mal-partijiet ikkonċernati li jkopru l-enerġija, il-bini, it-trasport u l-iskart, appoġġati minn strateġiji ta' investiment. Dawn il-bliet jaġixxu wkoll bħala ċentri ta' innovazzjoni biex jispiraw lill-bliet Ewropej kollha jilhqnu n-newtralità klimatika sal-2050. Dan tal-aħħar jappoġġja aktar minn 300 awtorità lokali u reġjonali b'data dwar il-klima u mmudellar xjentifiku biex iwettqu valutazzjonijiet tar-riskju bbażati fuq il-post u jiżviluppaw soluzzjonijiet innovattivi. Dan l-approċċ isahha ir-reżiljenza, irawwem l-ippjanar transsettorjali, u jiżgura li l-azzjonijiet lokali jallinjaw ma' strateġiji reġjonali u nazzjonali usa'. Iż-żewġ Missjonijiet jikkollaboraw mill-qrib.

Il-Kapitali Ewropej tal-Kultura hija inizjattiva ewlenija tal-UE appoġġata mill-programm Ewropa Kreattiva. Kull sena, tinnomina belt waħda jew aktar biex jospitaw ċelebrazzjoni tal-

kultura li ddum sena, bl-għan li jenfasizzaw id-diversità kulturali tal-Ewropa, irawmu sens kondiviż ta' appartenenza, u jippromwovu l-iżvilupp kulturali, soċjali u ekonomiku fit-tul.

Il-firxa wiesgħa ta' inizjattivi tal-UE li jappoġġjaw il-bliet tenfasizza l-importanza li l-UE tagħti lill-kwistjonijiet urbani. Fl-istess ħin, **l-abbundanza ta' għodod disponibbli spiss tagħmilha diffiċli għall-bliet biex jinnavigaw l-oportunitajiet**. Xi għodod jikkoinċidu ma' oqsma tematiċi oħra li jirċievu livell għoli ta' attenzjoni (bħall-klima, l-enerġija u l-ambjent) u għalhekk joffru sinerġiji naturali, filwaqt li oqsma tematiċi oħra jibqgħu inqas koperti (pereżempju, l-ugwaljanza tal-aċċess u l-inklużjoni soċjali). Il-frammentazzjoni tal-inizjattivi u l-għodod tal-UE bi proċeduri differenti ta' applikazzjoni u evalwazzjoni, kif ukoll diversi rekwiżiti għall-pjanijiet ta' azzjoni u r-rappurtar joħlqu piż għall-bliet. Fl-istess ħin, l-appoġġ għall-pilotaġġ ta' soluzzjonijiet innovattivi jrid jiġi segwit bi sforzi biex jiġu ffaċilitati l-implimentazzjoni fuq skala usa', ir-replikazzjoni u l-assistenza teknika relatata. Din il-frammentazzjoni hija partikolarment ta' sfida għall-bliet żgħar u ta' daqs medju peress li għandhom inqas riżorsi u kapaċità amministrattiva aktar baxxa biex jinvolvu ruħhom f'inizjattivi tal-UE u jespandu l-proġetti.

3.2. Il-ħtieġa għal aktar appoġġ għall-bliet

Il-bliet iridu jibbilanċjaw diversi għanijiet u obbligi ta' politika settorjali filwaqt li jenfasizzaw il-ħtieġa għal approċċi integrati.

Biex jimmaniġġjaw dawn l-isfidi, il-bliet, b'mod partikolari l-bliet żgħar u ta' daqs medju, jeħtieġu kapaċità amministrattiva u aċċess għall-għarfien espert u l-għarfien. L-għoti ta' **assistenza teknika mfassla apposta** mmirata lejn it-tfassil u l-implimentazzjoni ta' strateġiji, l-istrutturar finanzjarju ta' investimenti strateġiċi, djalogi settorjali, proċeduri, metodoloġiji, riformi, u t-tnejn u l-implimentazzjoni ta' proġetti ta' investiment konkreti u azzjonijiet ta' akkwist jistgħu jgħinu lill-bliet.

Il-bliet u ż-żoni urbani fl-UE qed jesperjenzaw **restrizzjonijiet finanzjarji** u jinsabu taħt pressjoni biex jillimitaw it-tkabbir fin-nefqa netta. B'mod parallel, dawn jeħtieġu ammont dejjem akbar ta' finanzjament biex jiġu implimentati l-prijoritajiet ta' politika. Biex jiġu indirizzati dawn l-isfidi, huma jsemmu l-ħtiġijiet li ġejjin⁶⁴: (i) l-aċċessibbiltà u s-simplifikazzjoni tal-flussi ta' finanzjament tal-UE (ii) l-armonizzazzjoni tal-kriterji, u (iii) bidla minn finanzjament ibbażat fuq il-proġetti għal approċċi ta' portafoll u integrati għall-finanzjament permezz ta' ppjanar strateġiku fit-tul. Mudelli ta' finanzjament innovattivi, li jinvolvu s-setturi privati u pubbliċi, jgħinu biex jimmobilizzaw investimenti addizzjonali, u biex jimminimizzaw ir-riskji. Il-bliet enfasizzaw il-benefiċċji tal-istrumenti u l-għodod ta' appoġġ tal-UE li jieħdu **approċċi sistemiċi għall-istrateġiji u l-finanzjament, bħall-investimenti territorjali integrati taħt il-politika ta' koeżjoni**. Pjanijiet ta' investiment urban multisettorjali, irawmu trasformazzjoni profonda u strutturali u jgħaqqdu l-ħtiġijiet kollha ta' investiment taħt pjan li jgħaqqad.

Għall-ġejjieni, il-bliet se jiġu mħeġġa jużaw approċċi integrati ta' "missjoni" li jindirizzaw diversi sfidi flimkien, bħall-akkomodazzjoni, it-trasport, l-enerġija, il-klima u l-ambjent, f'allinjament mad-dekarbonizzazzjoni u l-għanijiet usa' tas-sostenibbiltà ambjentali, l-inklużjoni, u l-kwalità tal-ħajja, filwaqt li jsaħħu wkoll is-sigurtà, is-sikurezza u r-reżiljenza ġenerali. L-approċċ għandu jkun inklużiv. Approċċ integrat bħal dak adottat mill-Patt tas-Sindki jista' jservi bħala punt ta' dħul għall-bliet ta' kull daqs, li jgħaqqad il-partijiet interessati tal-bliet taħt impenn politiku uniku.

⁶⁴ The impact of EU climate and energy initiatives on cities' climate transition, Kunitat Ewropew tar-Regġuni, 2023, <https://data.europa.eu/doi/10.2863/428101>.

L-esperjenza tal-bliet uriet il-valur li jiġu kkombinati l-għotjiet tal-UE ma' finanzjament minn istituzzjonijiet ta' finanzjament bħall-Bank Ewropew tal-Investment, il-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp, il-Bank ta' Żvilupp tal-Kunsill tal-Ewropa, u l-banek promozzjonali nazzjonali, kif ukoll li jintużaw strumenti finanzjarji biex jiġu stabbiliti fondi rotanti. Dan huwa partikolarment pertinenti f'kuntest fejn il-bliet għandhom ħtiġijiet dejjem akbar, prijoritajiet multipli u riżorsi pubbliċi skarsi. Biex jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' investment sinifikanti tagħhom, il-bliet għandhom jespandu l-użu ta' mekkaniżmi ta' finanzjament innovattivi u sħubijiet pubbliċi-privati. Il-bliet jeħtieġu aktar appoġġ biex jibnu l-kapaċità u l-għarfien espert tal-inġinerija finanzjarja tagħhom u jottimizzaw il-kapaċità tagħhom li jiġġeneraw dħul addizzjonali, b'mod partikolari permezz ta' ġestjoni mtejbja tal-assi. Fl-aħħar nett, it-tlaqqigħ tal-bliet ma' investituri privati huwa fattur ta' suċċess, u għalhekk il-bliet jeħtieġu appoġġ konsultattiv u aċċess iffaċilitat għall-istituzzjonijiet ta' finanzjament. Għal dan l-għan, l-approċċ tas-Suq tal-Bliet Intelligenti⁶⁵ u ċ-Ċentru Kapitali tal-Bliet Klimatiċi⁶⁶ tal-Missjoni dwar il-Bliet Newtrali għall-Klima u Intelliġenti flimkien mal-appoġġ komplementari pprovdut mill-BEI, kif imsemmi hawn fuq, iservu bħala mudelli li għandhom jiżdiedu.

Meta jiġu appoġġati l-bliet, il-koerenza tal-politika u l-allinjament tal-oġettivi, il-metodoloġiji, u l-finanzjament fil-livelli differenti tal-gvern huma kruċjali. Diversi inizjattivi eżistenti tal-UE qed japplikaw oqfsa metodoloġiċi komuni⁶⁷ bħala parti mill-appoġġ tagħhom li fuqhom jista' jibni l-appoġġ futur tal-UE għall-bliet.

Biex il-bliet jiġu appoġġati b'mod aktar effettiv, **hija meħtieġa struttura ta' appoġġ komprensiva** biex tgħinhom fl-ippjanar strateġiku, fil-bini tal-kapaċità u tal-għarfien u fl-implimentazzjoni ta' politiki biex jiġu indirizzati diversi sfidi. Meta tiġi stabbilita struttura bħal din, huwa **meħtieġ li jiġu kkonsolidati l-inizjattivi eżistenti tal-UE u l-għodod ta' appoġġ f'passi**, filwaqt li jitrawmu komunikazzjoni u koordinazzjoni aktar ċari fl-oqfsa ta' politika kollha.

4. IL-VIŻJONI U T-TRIQQ 'IL QUDDIEM

4.1. Viżjoni – bliet b'saħħithom, vivaċi, prosperi u inklużivi

Il-bliet madwar l-Ewropa huma abitabbli, prosperi u inklużivi. Dawn jipprovdu livelli għoljin ta' konnettività diġitali u opportunitajiet għan-nies tal-ġenerazzjonijiet kollha, filwaqt li jqisu t-tibdil demografiku, u għan-negozji biex jirnexxu, u b'hekk jippromwovu l-kompetittività, l-innovazzjoni u t-tkabbir.

Impjiegi ta' kwalità u l-provvista ta' akkomodazzjoni ta' kwalità affordabbli, sostenibbli u deċenti għal kulħadd, kif ukoll aċċess ugwali u faċli għas-servizzi, huma vitali għal bliet b'saħħithom. Il-prinċipji u l-valuri tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida huma inkorporati fit-trasformazzjoni inklużiva, sostenibbli u ta' kwalità tal-bini u tal-ambjent urban madwar l-Ewropa.

L-opportunitajiet għall-kisba edukattiva ta' kwalità u l-iżvilupp tal-ħiliet, u l-appoġġ għall-attrazzjoni tat-talent u l-integrazzjoni tal-migranti huma disponibbli fil-bliet madwar l-Ewropa.

⁶⁵ Smart Cities Marketplace.

⁶⁶ FI-2024, il-BEI nieda pakkett ta' self ta' EUR 2 biljun fil-kuntest tal-Missjoni tal-Bliet.

⁶⁷ Perez., strateġiji ta' żvilupp urban sostenibbli tal-politika ta' koeżjoni u oqfsa metodoloġiċi żviluppati mill-Patt tas-Sindki u l-Missjonijiet dwar il-Bliet u l-Adattament, il-Pjanijiet ta' Mobbiltà Urbana Sostenibbli kif ukoll il-Ftehim dwar il-Bliet Ekoloġiċi.

L-attraenza tal-bliet, anke bħala destinazzjonijiet tat-turiżmu sostenibbli b'attivitajiet kulturali vibranti, filwaqt li jiġi ppreservat il-wirt kulturali, hija kruċjali għall-prosperità tagħhom.

Is-sikurezza, is-sigurtà, l-inklużività, u r-rispett tad-drittijiet fundamentali huma ta' importanza vitali għall-bliet madwar l-Ewropa. Bliet intelliġenti, sostenibbli u affordabbli li jipprovdu soluzzjonijiet ta' mobbiltà inklużivi, jappoġġaw kwalità tal-ħajja mtejbja għan-nies. Jitrawmu interazzjonijiet komplementari ma' żoni rurali fil-qrib, li joħolqu relazzjoni bbilanċjata bejn l-ispazji urbani u rurali.

L-effiċjenza enerġetika, l-enerġija rinnovabbli prodotta lokalment, l-ekosistemi naturali mtejbja u l-progress lejn in-newtralità klimatika jrawmu ambjent tal-għajxien b'saħħtu u jibnu reżiljenza għall-impatti tat-tibdil fil-klima filwaqt li jipproteġu l-ekonomiji tal-bliet u l-benesseri tan-nies.

It-trawwim tal-involviment ċiviku u l-parteċipazzjoni demokratika fil-livell tal-belt, fejn iċ-ċittadini spiss jinvolvu ruħhom bl-aktar mod attiv mal-awtoritajiet, huwa ta' importanza ewlenija⁶⁸. It-tfassil tal-politika huwa bbażat fuq data aġġornata rilevanti u jagħti riżultati kkonsultati pubblikament u aċċettati mfassla għall-ħtiġijiet lokali. Id-deċizzjonijiet huma allinjati ma' għanijiet u inizjattivi usa' tal-UE, bħall-Boxxla għall-Kompetittività, il-Karta l-Ġdida ta' Leipzig, kif ukoll oqfsa internazzjonali, bħall-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti u l-Aġenda Urbana Ġdida tan-NU.

L-aġenda tal-UE għall-Ibliet għandha rwol kruċjali fl-iffaċilitar ta' din il-viżjoni, billi tipprovdi appoġġ u tagħti s-setgħa lill-bliet biex jimplimentaw soluzzjonijiet integrati u bbażati fuq il-post, filwaqt li jkomplu jevolvu bħala spazji b'saħħithom, dinamiċi u abitabbli għal kulħadd.

4.2. It-triq 'il quddiem

4.2.1. Djalogu kontinwu – il-bliet huma msieħba ewlenin fit-tfassil tal-politika tal-UE

Il-kooperazzjoni mill-qrib bejn il-livelli differenti ta' governanza u bejn is-setturi ta' politika hija essenzjali biex jitwettqu aħjar il-prijoritajiet tal-UE fil-livell lokali u jiġu integrati l-kunsiderazzjonijiet tal-bliet fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politiki u r-regolamenti tal-UE. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni Ewropea se tibni fuq l-aħjar prattiki eżistenti u tuża l-istrumenti u l-metodi deskritti fil-Komunikazzjoni tagħha dwar is-simplifikazzjoni⁶⁹, li għandha l-għan li tissimplifika l-leġiżlazzjoni tal-UE, tnaqqas il-piż amministrattiv u ttejjeb l-effiċjenza tat-twettiq tal-politika. Il-Kummissjoni se tibqa' involuta mill-qrib mal-bliet permezz ta' djalogu kontinwu u inizjattivi speċifiċi.

- *Djalogi politiċi ta' livell għoli*

Mill-2026 u abbażi tad-Djalogu dwar l-implimentazzjoni mal-bliet li sar mill-Viċi President Eżekuttiv għall-Koeżjoni u r-Riformi f'Ġunju 2025, il-Kummissjoni se tistabbilixxi djalogi regolari mal-bliet. **Se jiġi organizzat djalogu politiku annwali** ta' livell għoli mal-Kummissjoni, li jagħti lill-mexxejja lokali - u fejn rilevanti istituzzjonijiet finanzjarji pubbliċi u privati oħra, u rappreżentanti tan-negozju - b'esperjenza prattika l-opportunità li jinfurmaw id-diskussjonijiet ta' politika. Dan il-kuntatt dirett se jservi bħala bord ta' diskussjoni biex jiġu identifikati l-ostakli u l-isfidi f'oqsma ta' politika speċifiċi, jiġu skoperti opportunitajiet għas-

⁶⁸ It-Tarka Ewropea għad-Demokrazija ppreżentata mill-Kummissjoni thegġegħ l-involviment taċ-ċittadini u l-parteċipazzjoni demokratika fil-livelli kollha.

⁶⁹ COM(2025) 47 final.

simplifikazzjoni u l-armonizzazzjoni, u tiġi pprovduta informazzjoni dwar l-aġġustamenti meħtieġa għall-politiki tal-UE, kif ukoll rakkomandazzjonijiet għal appoġġ immirat.

- ***Djalogu fil-livell tekniku***

Biex jikkomplementaw id-diskussjonijiet fil-livell politiku, **se jsiru wkoll konsultazzjonijiet immirati fil-livell tekniku** mal-prattikanti urbani, u bil-parteċipazzjoni tas-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni, fuq bażi regolari biex issir enfasi fuq l-identifikazzjoni ta' prattiki u opportunitajiet tajbin fl-oqsma ta' politika tematiċi kollha biex jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi. L-isforzi ta' simplifikazzjoni se jkunu fil-qalba ta' dan il-proċess. Il-konsultazzjonijiet immirati jipprovdu l-opportunità biex jiġi diskuss kif jistgħu jittejjbu l-għodod għall-valutazzjonijiet territorjali fil-livelli kollha u biex ikun hemm involviment mal-bliet u żoni urbani oħra meta titħejja u tiġi implimentata l-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-UE.

- ***Djalogu regolari mal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni u l-Parlament Ewropew***

Dawn il-laqgħat se jiġu kkomplementati u alimentati minn diskussjonijiet f'formati tekniċi oħra, **djalogu regolari mal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni u mal-Parlament Ewropew**, inputs miġbura min-network tal-Kunsilliera Lokali tal-UE, riżultati tal-konsultazzjoni pubblika, valutazzjonijiet territorjali, attivitajiet ta' kapitalizzazzjoni tal-ġarfin, u strutturi intergovernattivi ta' kooperazzjoni, inkluża l-Aġenda Urbana għas-sħubijiet tal-UE. Il-ħidma li saret taħt l-Aġenda Urbana tal-UE ser tipprovi kontributi importanti għaż-żewġ tipi ta' djalogi, b'mod partikolari azzjonijiet immirati lejn it-titjib tal-leġislazzjoni u l-proċessi ta' implimentazzjoni.

- ***Forum tal-Bliet***

Barra minn hekk, **il-Forum tal-Bliet** se jkompli jsir regolarment, billi jospita workshops u diskussjonijiet ta' politika, u jippermetti l-kondiviżjoni ta' soluzzjonijiet, ġarfin u opportunitajiet għall-benefiċċju tal-partijiet ikkonċernati urbani u ta' dawk li jfasslu l-politika.

- ***Rapport dwar l-Istat tal-Bliet Ewropej***

Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tħejji, f'intervalli regolari, **rapport dwar l-Istat tal-Bliet Ewropej**. Ir-rapport se jappoġġa tfassil ta' politika urbana aktar ibbażat fuq l-evidenza fl-UE. Ir-rapport finali se jinħareġ fl-2026.

Proċessi ta' governanza inklużivi, bħad-djalogi kontinwi proposti hawn fuq bejn il-Kummissjoni u l-bliet m'għandhomx iseħħu biss fil-livell tal-UE, iżda wkoll fl-Istati Membri permezz ta' djalogu strutturat stabbilit sew mal-bliet dwar l-oqsma ewlenin kollha tal-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-UE, kemm matul il-fażijiet preparatorji kif ukoll matul il-fażijiet ta' implimentazzjoni. Il-ħtieġa għal tali djalogu strutturat f'diversi livelli u sħubija tapplika wkoll għall-ippjanar tal-investimenti u hija karatteristika ewlenija fit-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali fil-perjodu ta' programmazzjoni 2028-2034⁷⁰.

4.2.2. Simplifikazzjoni u bini tal-kapaċità

Il-konsolidazzjoni u s-simplifikazzjoni tal-aċċess tal-bliet għall-għodod ta' appoġġ tal-UE huma proċess kontinwu u se jkomplu permezz tal-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss. Se jkomplu jsiru sforzi ta' simplifikazzjoni u razzjonalizzazzjoni biex tiġi kkonsolidata l-offerta

⁷⁰ Il-Premessi 22 u 24 – Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u s-sajd rurali u marittimu, il-prosperità u s-sigurtà għall-perjodu 2028-2034 u li jemenda r-Regolament (UE) 2023/955 u r-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.

ta' appoġġ, jiġu armonizzati l-għotjiet u l-premijiet kif ukoll il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà u rapportar.

- Portal web tal-Bliet tal-UE

Bħala l-ewwel pass, illum il-Kummissjoni nediet **“portal web tal-Bliet tal-UE”**. Il-portal se jissimplifika l-aċċess tal-bliet għall-appoġġ attwali kollu tal-UE disponibbli għalihom. Dan se jaġixxi bħala għodda ta' komunikazzjoni u spazju għall-partijiet ikkonċernati biex isibu informazzjoni u jinteraġixxu dwar attivitajiet, avvenimenti, aħbarijiet, żviluppi ta' politika, u opportunitajiet ta' rilevanza għall-iżvilupp urban. Dan se jipprovdi ħarsa ġenerali u jwassal informazzjoni dwar l-inizjattivi differenti tal-UE li jappoġġaw il-bliet (skont l-oqsma tematiċi, iċ-ċiklu ta' thejġija fl-implimentazzjoni, eċċ.) u jidderieġi mill-ġdid lill-utenti lejn il-post rilevanti fejn tiġi pprovduta informazzjoni dettaljata.

Aktar tard, fil-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss, il-portal web tal-Bliet se jsir element ewlieni tal-pjattaforma tal-Bliet u se jibqa' ddedikat għall-komunikazzjoni u s-sensibilizzazzjoni. Il-portal se jevolvi biex jaqdi l-oġettiv tal-pjattaforma tal-Bliet fil-konsolidazzjoni u l-iffaċilitar tal-aċċess għall-informazzjoni dwar l-appoġġ għall-bliet fix-xenarju ssimplifikat il-ġdid, inkluż, meta rilevanti, l-użu tal-intelliġenza artifiċjali.

- Inizjattiva Urbana Ewropea

Se jiġi stabbilit **“helpdesk tal-Bliet”** fil-qafas tal-Inizjattiva Urbana Ewropea (European Urban Initiative, EUI). Minbarra l-għodda ta' tiftix disponibbli fuq il-portal web tal-Bliet, l-helpdesk se jgħin lill-bliet jidentifikaw għodod ta' appoġġ urban f'diversi inizjattivi tal-UE u opportunitajiet ta' finanzjament relatati.

Ir-raba' sejħa tal-EUI-Azzjonijiet Innovattivi se titnieda fil-bidu tal-2026. Se tiffoka fuq l-appoġġ ta' proġetti pilota fuq skala iżgħar immirati lejn l-ittestjar ta' soluzzjonijiet innovattivi biex jiġu indirizzati l-isfidi urbani. Filwaqt li s-sejħa se tkun miftuħa għal bliet ta' kull daqs, se tkun immirata b'mod partikolari lejn bliet żgħar u ta' daqs medju b'kapaċitajiet limitati ta' innovazzjoni. Se ssegwi approċċ minn isfel għal fuq, li jippermetti lill-awtoritajiet urbani jissottomettu proposti li jindirizzaw kwalunkwe qasam tematiku allinjat mat-temi urbani tal-Aġenda tal-UE għall-Ibliet.

- Il-pjattaforma tal-Bliet tal-UE

Taħt il-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss, il-Kummissjoni tipproponi li toħloq **“Pjattaforma tal-Bliet tal-UE”** komuni (ara l-Figura 3) li tiġbor flimkien forom differenti ta' appoġġ bħal strumenti ta' finanzjament, assistenza teknika, riżorsi ta' għarfien u għodod diġitali, biex tipprovdi aċċess simplifikat għar-riżorsi tal-UE, inkluż mill-Faċilità tal-UE.

Il-pjattaforma se tkun post għall-bliet ta' kull daqs biex jikkollaboraw ma' xulxin, u mal-livell tal-UE. B'mod partikolari, il-pjattaforma se titfassal biex toffri appoġġ tul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu – mill-analiżi tal-ħtiġijiet bl-użu tal-aħħar data u għodod disponibbli, għall-bini tal-kapaċità, permezz tal-kooperazzjoni u t-tagħlim bejn il-pari, għall-assistenza teknika fl-ippjanar strateġiku u l-iżvilupp tal-proġetti. Din il-ħarsa ġenerali, iddedikata esklużivament għall-bliet, se tikkomplementa l-għodod proposti bħala parti mill-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss biex l-aċċess għall-fondi tal-UE għall-benefiċjarji jsir aktar faċli. F'dan ir-rigward, il-Gateway Unika⁷¹ se ssir il-punt uniku ta' aċċess għal informazzjoni konsolidata dwar l-opportunitajiet ta' finanzjament għall-promoturi tal-proġetti.

⁷¹ [COM\(2025\) 545 final](#).

Billi tibni fuq l-esperjenza siewja u l-oqfsa stabbiliti f'bosta bliet, il-pjattaforma se tiffaċilita l-aċċess għal finanzjament flessibbli li jdur fuq pjanijiet integrati ta' żvilupp urban, bħall-istrateġiji ta' żvilupp urban sostenibbli tal-politika ta' koeżjoni, il-Kuntratti tal-Bliet Klimatiċi tal-Missjoni tal-UE dwar il-Bliet Newtrali għall-Klima u Intelliġenti, il-Pjanijiet ta' Azzjoni għall-Enerġija Sostenibbli u l-Klima, il-Pjanijiet ta' Mobbiltà Urbana Sostenibbli, l-oqfsa ambjentali⁷², u l-Pjanijiet ta' Adattament.

Il-bliet se jkunu jistgħu jiksbu appoġġ dwar oqsma ta' politika speċifiċi iżda wkoll dwar l-isfidi operazzjonali li jiffaċċjaw. Il-pjattaforma se tkun magħmula minn inizjattivi kontinwi kif ukoll għażliet ġodda ta' appoġġ biex twieġeb għal-lakuni li ġew identifikati. Dan se jkollu l-għan b'mod partikolari li jiffaċilita l-aċċess għall-bliet żgħar u ta' daqs medju u jibqa' flessibbli biex jindirizza sfidi ġodda emerġenti.

Il-pjattaforma se tospita u torganizza t-tipi differenti ta' appoġġ ipprovdut mill-Kummissjoni Ewropea lill-bliet b'mod konsolidat. Hija struttura għal azzjoni politika u kooperazzjoni mal-bliet. Dan se jkun magħmul minn diversi inizjattivi u flussi ta' appoġġ, inkorporati b'mod komprensiv, simplifikat u aċċessibbli għall-benefiċjarji, li jipprovdu simplifikazzjoni ġenwina u valur miżjud tal-UE, filwaqt li jiffaċilitaw il-kooperazzjoni fil-governanza f'diversi livelli lejn il-kisba ta' żvilupp urban sostenibbli u integrat.

IL-PJATTAFORMA TAL-BLIET TAL-UE



Illustrazzjoni 3. Preżentazzjoni viżiva tal-Pjattaforma tal-Bliet tal-UE.

Il-pjattaforma se tgħin biex tiggwida lill-bliet lejn l-offerta ta' appoġġ li hija l-aktar adegwata skont il-ħtiġijiet tagħhom u se tospita opportunitajiet li l-bliet se jkunu jistgħu jibbenefikaw minnhom. L-għażliet ta' appoġġ se jvarjaw bejn l-oqsma ta' politika u t-tipi differenti ta' appoġġ:

a) Il-bini tal-kapaċità u tal-għarfien, l-ippjanar strateġiku, u n-networking

⁷² Perez., il-Ftehim dwar il-Bliet Ekoloġiċi huwa moviment politiku li permezz tiegħu s-sindki jimpenjaw ruħhom għal għanijiet ambjentali ambizzjużi f'oqsma bħall-kwalità tal-arja u tal-ilma, in-natura u l-bijodiversità, il-ġestjoni tal-iskart, u t-tnaqqis tal-istorbju sal-2030. Għandu l-għan li jtejjeb il-kwalità tal-ħajja urbana, tappoġġa l-Patt Ekoloġiku Ewropew, u jaċċellera l-implimentazzjoni tal-liġijiet ambjentali fil-livell lokali.

- Appoġġ għal oqfsa metodoloġiċi u għodod għall-ippjanar strateġiku, inklużi approċċi integrati ta' "missjoni", u għal monitoraġġ u rappurtar simplifikati
- Appoġġ għat-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva u l-isfidi operazzjonali relatati mal-implimentazzjoni ta' strateġiji u politiki
- Tagħlim bejn il-pari u opportunitajiet ta' kooperazzjoni, u faċilitazzjoni tat-trasferiment tal-għarfien
- Appoġġ għall-akkwist, pereżempju, il-pjattaforma tista' tiffaċilita l-kooperazzjoni bejn il-bliet permezz ta' sistemi ta' akkwist komuni, bl-appoġġ tal-Kummissjoni Ewropea
- Appoġġ għall-inkoraġġiment ta' dialogi bejn l-industrija u l-bliet
- Informazzjoni dwar inizzjattivi nazzjonali, bilaterali u multilaterali rilevanti li jgħinu lill-bliet jidentifikaw sinerġiji, jispiraw ruħhom minn mudelli u prattiki oħra bl-użu ta' għodod tal-UE u appoġġ minn livelli oħra ta' governanza.

b) Appoġġ għal proġetti innovattivi

- L-appoġġ għall-bliet biex jiżviluppaw u jimplimentaw proġetti innovattivi se jiġi pprovdut b'mod simili għall-Inizjattiva Urbana Ewropea (European Urban Initiative, EUI) 2021-2027. L-EUI jipprovdi riżorsi finanzjarji diretti għall-bliet għall-proġetti innovattivi tagħhom li jindirizzaw l-isfidi urbani ta' rilevanza għall-UE u ġġenera ħafna soluzzjonijiet skalabbli u innovattivi fil-bliet Ewropej kollha.

c) Appoġġ konsultattiv għall-finanzjament

Tieqa ta' appoġġ għall-finanzjament, il-finanzi u l-konsulenza se tkun parti mill-pjattaforma u se tkun iddedikata għall-għoti ta' informazzjoni strutturata, servizzi ta' konsulenza u assistenza teknika biex il-bliet jiġu appoġġati aħjar fl-aċċess għall-finanzjament. Dan se jgħin lill-bliet jaċċessaw u jikkombinaw sorsi differenti ta' finanzjament mal-għarfien espert u l-appoġġ tekniku, b'mod partikolari l-finanzjament tal-UE mill-pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali, strumenti oħra tal-UE, u sorsi bħall-finanzjament mill-Bank Ewropew tal-Investment u l-finanzjament privat.

Il-Kummissjoni għandha l-għan li tappoġġa din it-tranżizzjoni billi tipprovdi lill-bliet b'oqfsa koerenti, għodod kondiviżi, u sħubijiet fit-tul. Dan se jinkludi perkors ta' appoġġ kontinwu għall-bliet, li jestendi mill-istadju tal-ippjanar għall-finanzjament tal-aċċess għall-implimentazzjoni tas-soluzzjonijiet. Billi tgħin lill-bliet jiżviluppaw portafolli ta' investment, li jingħataw prova ta' siġill ta' kwalità, il-pjattaforma se tiffaċilita l-aċċess tal-bliet għall-finanzjament tal-UE.

d) Repożitorju tad-data u tal-għodod

Funzjoni importanti tal-pjattaforma tal-Bliet se tkun li tikkonsolida d-data disponibbli u tagħmilha aċċessibbli għall-bliet u ż-żoni urbani, filwaqt li tipprovdi bażi ta' evidenza kontinwa għat-tfassil tal-politika urbana flimkien mar-rapport regolari dwar l-Istat tal-Bliet Ewropej li għandu jitħejja mill-Kummissjoni. Sabiex tiġi żgurata l-interoperabbiltà tad-data, u għalhekk, id-disponibbiltà u l-użabbiltà wiesgħa tagħha, se jintużaw l-istandards u l-ispeċifikazzjonijiet eżistenti⁷³. Il-pjattaforma se tiffaċilita rapportar u forniment aktar sempliċi tad-data. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tikkunsidra kif ittejjeb is-sinkronizzazzjoni u l-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti ta' rapportar. Il-pjattaforma se tistabbilixxi wkoll indikaturi komuni biex jiġi vvalutat l-impatt tal-politiki urbani fuq oqsma tematiċi differenti li jibnu fuq sistemi ta' monitoraġġ eżistenti.

⁷³ [SEMIC Support Centre | II-Portal Ewropa Interoperabbli](#).

e) Appoġġ għal djalogu kontinwu

Il-pjattaforma tal-Bliet se tappoġġja djalogu kontinwu organizzat kemm fil-livell politiku kif ukoll f'dak tekniku għoli (ara 4.2.1.). Permezz tal-pjattaforma, se jiġu stabbiliti mekkaniżmi ta' parteċipazzjoni għall-bliet biex jikkontribwixxu għat-tfassil ta' inizjattivi ta' politika. Dan jinvolve interazzjonijiet ma' strutturi intergovernattivi, bħall-Aġenda Urbana għall-UE, networks oħra tal-bliet tal-UE u internazzjonali, inklużi networks tematiċi, kif ukoll organizzazzjonijiet intermedjarji nazzjonali u reġjonali.

4.2.3. Fondi tal-UE fil-qafas finanzjarju pluriennali propost għall-2028-2034

Fis-16 ta' Lulju 2025, il-Kummissjoni Ewropea adottat il-proposti tagħha għal Qafas Finanzjarju Pluriennali ("QFP") ġdid għall-perjodu 2028-2034. Dan jippreżenta baġit fit-tul ambizzjuż li jkun aktar sempliċi, aktar flessibbli u aktar strateġiku.

Il-pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali se jikkombinaw il-fondi tal-UE implimentati mill-Istati Membri u r-reġjuni fi proċess ta' ppjanar koerenti u mfassal apposta – allinjat bis-siġħ mal-prijoritajiet komuni tal-Unjoni b'mod partikolari t-tnaqqis tad-disparitajiet ekonomiċi, soċjali u territorjali. Dawn se jipprovdu aktar flessibbiltà biex jadattaw għall-ħtiġijiet reġjonali u lokali, filwaqt li jqisu pereżempju t-tipi differenti ta' territorji bħaż-żoni rurali u urbani, u jissimplifikaw ir-regoli għall-Istati Membri u r-reġjuni.

Il-prinċipji tas-**sħubija u tal-governanza** f'diversi livelli se jiggwidaw l-iżvilupp tal-pjani bħal fil-każ tal-politika ta' koeżjoni llum. B'mod partikolari, kull Stat Membru se jkollu **jħejji u jimplimenta l-pjan tiegħu fi sħubija mal-awtoritajiet reġjonali u lokali**, f'konformità mal-istrutturi u t-tradizzjonijiet kostituzzjonali ta' kull Stat Membru.

Meta jindirizzaw l-isfidi li jiffaċċjaw iż-żoni urbani fil-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali, l-Istati Membri għandhom jipprovdu l-opportunitajiet għall-bliet u awtoritajiet urbani oħra biex isawru programmi ta' riformi u investimenti mfassla għall-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom.

L-ipprogrammar ta' approċċi ta' finanzjament integrati lokalment u reġjonalment, allinjati b'mod konsistenti mal-qafas ta' politika tal-UE, jista' jinkludi wkoll **riformi meħtieġa fil-livell sottonazzjonali** li jgħinu kemm biex jiġi massimizzat l-impatt tal-fondi kif ukoll biex jiġu indirizzati ostakli regolatorji jew ostakli oħra.

Barra minn hekk, bħala parti mill-iżvilupp territorjali tagħhom, il-pjanijiet tal-Istati Membri se jkollhom jappoġġaw b'mod effettiv inizjattivi ta' kooperazzjoni territorjali u lokali, inklużi **strateġiji integrati ta' żvilupp urban**.

Fil-perjodu ta' programmazzjoni attwali 2021-2027, il-politika ta' koeżjoni diġà qed tipprovdi appoġġ konsiderevoli għall-istrateġiji tal-iżvilupp urban. Biex iwieġbu għall-isfidi multipli u interkonnessi li qed jiffaċċjaw il-bliet illum, il-bliet jeħtieġ li jsaħħu l-kapaċità tagħhom għal azzjoni permezz ta' għodod operazzjonali, appoġġ regolatorju u finanzjament. **Għalhekk, l-Istati Membri u r-reġjuni tal-UE huma mħeġġa jżidu l-ambizzjoni tagħhom fl-għoti tar-riżorsi għall-istrateġiji urbani tagħhom, inkluż permezz tal-pjani ta' sħubija nazzjonali u reġjonali tagħhom filwaqt li jqisu l-ispeċifiċitajiet tal-bliet.**

Barra minn hekk, **il-Faċilità tal-UE**, li se tkun marbuta mill-qrib mal-pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali⁷⁴, se tappoġġja wkoll lill-awtoritajiet urbani biex jiżviluppaw proġetti

⁷⁴ L-Anness XV għall-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u s-sajd rurali u marittimu, il-prosperità u s-sigurtà għall-perjodu 2028-2034 u li jemenda r-Regolament (UE) 2023/955 u r-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 {SWD(2025) 565 final}.

innovattivi, isaħħu l-bini tal-kapaċità, u jipprovdu ambjent għall-kondiviżjoni tal-għarfien dwar l-iżvilupp urban sostenibbli.

Taħt il-Fond Ewropew għall-Kompetittività, il-bliet jistgħu potenzjalment jibbenefikaw, pereżempju permezz tat-tieqa għat-tranżizzjoni nadifa u d-dekarbonizzazzjoni industrijali. Din it-tieqa għandha l-għan li tappoġġa attivitajiet relatati mal-użu tal-enerġija nadifa, is-soluzzjonijiet ta' dekarbonizzazzjoni u t-tranżizzjoni tas-sistema. Tista' tiffinanzja wkoll proġetti sikuri orjentati lejn il-mobbiltà u turiżmu sostenibbli fil-bliet. Barra minn hekk, it-tieqa tar-reżiljenza u s-sigurtà, id-difiża u l-ispazju tista' tgħin lill-bliet isaħħu t-tħejjija tagħhom, jipproteġu l-infrastruttura kritika, itejbu d-difiża u s-sigurtà, u jagħmlu użu effettiv mit-teknoloġiji bbażati fl-ispazju għall-monitoraġġ, il-konnettività u r-rispons ta' emerġenza.

Il-bliet Ewropej, li għandhom rwol kruċjali fit-tisħiħ tal-kompetittività reġjonali, jistgħu jikkontribwixxu mal-gvernijiet nazzjonali u mal-istituzzjonijiet tal-UE biex jidentifikaw u jipprioritizzaw l-istrateġiji tal-kompetittività u jikkontribwixxu għall-għanijiet ġenerali **tal-Boxxla għall-Kompetittività** billi jiżguraw li l-istrateġiji jitfasslu apposta għall-kuntesti lokali filwaqt li jaħdmu lejn objettivi usa' tal-UE.

Barra minn hekk, il-bliet u awtoritajiet urbani oħra jistgħu jkunu jistgħu jaċċessaw programmi oħra tal-UE biex jindirizzaw l-isfidi tagħhom, inkluż il-programm **Orizzont Ewropa** li wera li huwa adattat sew għall-attivitajiet ta' innovazzjoni u riċerka.

Il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri jippromwovu l-integrazzjoni u l-integrazzjoni tal-valuri u l-prinċipji **tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida** f'inizjattivi ta' żvilupp usa' tal-UE, nazzjonali, reġjonali u lokali relatati mar-riġenerazzjoni tal-bini u tal-viċinati, inkluż il-forniment ta' akkomodazzjoni affordabbli, biex jissaħħu l-investimenti inklużivi u mmexxija mill-komunità.

Il-programm **Ewropa Globali** jista' jappoġġa l-kooperazzjoni internazzjonali dwar il-prioritajiet ta' politika tal-UE għall-iżvilupp urban, b'mod partikolari mal-pajjiżi kandidati tal-UE, filwaqt li jippermetti t-trasferiment tal-għarfien, il-bini tal-kapaċità dwar il-governanza urbana, l-ippjanar u l-iżvilupp immexxi mill-komunità.

5. KONKLUŻJONI

Il-bliet huma essenzjali għall-futur tal-Unjoni Ewropea. Dawn huma postijiet fejn huma kkonċentrati l-aktar sfidi urġenti tal-Ewropa, u fejn jistgħu jinbnew u jiżiedu l-inkubaturi ta' soluzzjonijiet mill-aktar avvanzati madwar it-territorji tal-Ewropa. Il-bliet jiffaċċjaw diversi sfidi simultani, li jeħtieġu soluzzjonijiet integrati. Bħala muturi tat-tkabbir sostenibbli, il-bliet ta' kull daqs mhux biss jixprunaw il-progress fil-konfini tagħhom iżda wkoll fiż-żoni tal-madwar, inklużi ż-żoni rurali. Barra minn hekk, dawn huma l-postijiet fejn jiġu implimentati l-bieċa l-kbira tal-politiki u l-leġislazzjoni tal-UE. Is-suċċess ta' Ewropa aktar kompetittiva, aċċessibbli, inklużiva, reżiljenti u koeżiva, li tinnaviga t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali b'ġustizzja u ambizzjoni, huwa marbut direttament mas-suċċess tal-bliet.

B'din l-Aġenda tal-UE għall-Ibliet, il-Kummissjoni tistabbilixxi l-viżjoni u r-rispons ta' politika tagħha biex tappoġġa bliet b'saħħithom biex jindirizzaw l-isfidi tal-lum u ta' għada.

Peress li l-bliet jikkontribwixxu għall-kisba tal-prioritajiet tal-UE fil-livell lokali, il-Kummissjoni hija impenjata li ssaħħa l-involvement tagħha mal-bliet, filwaqt li titgħalliem mill-esperjenza tagħhom, u tiżgura li l-politiki u l-leġislazzjoni tal-UE jkollhom impatt koerenti u pożittiv fil-prattika. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni hija impenjata li tiżgura li l-bliet ikunu involuti b'mod sinifikanti fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politika tal-UE, f'konformità mal-prinċipji tas-sħubija u tal-governanza f'diversi livelli tal-politika ta' koeżjoni

li jibqgħu elementi ċentrali tal-proposta tal-Kummissjoni għall-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss.

Barra minn hekk, peress li l-bliet jistgħu jiffaċilitaw l-użu ta' soluzzjonijiet innovattivi madwar l-Istati Membri tal-UE, huwa kruċjali li jingħataw il-finanzjament meħtieġ, il-kapaċitajiet imtejba u l-għarfien kif ukoll komunità għall-iskambju biex jitħaffu t-tagħlim u l-implimentazzjoni tal-politika. Il-Kummissjoni hija impenjata li tissimplifika u tirrazzjonalizza l-appoġġ disponibbli għall-bliet u żoni urbani oħra. L-appoġġ għall-assistenza teknika tal-Kummissjoni permezz tal-portal web tal-Bliet inniedi llum, u l-pjattaforma futura tal-Bliet se jikkontribwixxu biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet u l-opportunitajiet tal-bliet – meta jitqiesu s-sitwazzjoni unika, l-isfidi speċifiċi u l-oqsma funzjonali tagħhom – b'soluzzjonijiet imfassla apposta, li jrawmu l-kollaborazzjoni u l-iskambju tal-għarfien.

L-Istati Membri huma mħeġġa jagħmlu użu sħiħ mill-fondi tal-politika ta' koeżjoni, kif ukoll minn strumenti oħra, kemm fil-perjodu attwali kif ukoll f'dak ta' wara l-2027 biex jappoġġaw l-iżvilupp urban. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet ikkonċernati kollha biex jingħaqdu fl-isforz ta' din is-sħubija bejn l-UE u l-bliet" il-ġdida u se timmonitorja l-implimentazzjoni tal-Aġenda tal-UE għall-Ibliet b'mod integrat u inklużiv.

ANNEX 1: AZZJONIJIET EWLENIN TAL-AĠENDA TAL-UE GĦALL-IBLIET

Il-lista ta' hawn taħt tiddeskrivi l-azzjonijiet li l-Kummissjoni se tieħu biex timplimenta l-aġenda tal-UE għall-Ibriet.

Nru	Azzjoni	Kronoloġija
DJALOGU KONTINWU		
1.	Djalogu politiku ta' livell għoli mal-awtoritajiet lokali	Mill-2026 'il quddiem
2.	Konsultazzjonijiet tekniċi mmirati ma' Prattikanti urbani	Mill-2026 'il quddiem
3.	Djalogu regolari mal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni u l-Parlament Ewropew	Mill-2026 'il quddiem
4.	Forum tal-Briet (biennali)	Dik li jmiss fl-2027
5.	Rapport dwar l-Istat tal-Briet Ewropej	Mill-2026 'il quddiem
SIMPLIFIKAZZJONI u BINI TAL-KAPAĊITÀ		
6.	Portal web tal-Briet tal-UE	Ir-raba' trimestru tal-2025
7.	Inizjattiva Urbana Ewropea — ir-4 sejħa għal Azzjonijiet Innovattivi, u helpdesk tal-Briet	L-ewwel trimestru tal-2026 u t-tielet trimestru tal-2026
8.	Il-pjattaforma tal-Briet tal-UE	2028
INVESTIMENTI		
9.	Appoġġ taħt il-qafas finanzjarju pluriennali attwali	Tibqa' għaddejja sal-2027
10.	Appoġġ taħt il-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss	2028-2034